The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones on the days and times indicated.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Santa Venera

On Sunday, 28th July 2013, from 7.30 p.m. till 10.30 p.m. through Santa Venera tunnels.

Vehicles found in contravention to this order of this Notice are liable to be towed away.

San Ġwann

On Wednesday, 31st July 2013, between 8.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: il-Gallina, Triq l-Isturnell, Hida, B'Kara, it-Trunċiera Twila, San Ġwann Tal-Għargħar, San Ġiljan, San Ġużepp, Bellavista, Żnuber,

Pjazza Ħawħa, iċ-Ċedru, Vjal in-Naspli, in-Naxxar u lura għall-każin tal-banda.

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Awwissu 2013, bejn it-8.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Ismek Tiftħirek, Ġużè Borg, Sir Luigi Camilleri, Salvu Gatt, Vincenzo Borg, Vjal Ir-Rihan, Salvu Busuttil, R.Caruana Dingli, Vincenzo Hyzler, Ugo Carbonaro, Giuseppi Briffa, Stefanotis, Misraħ Ċentawrja, l-Iskola, it-Tulipan, il-Kappella u lura għall-każin tal-banda.

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Awwissu 2013, bejn it-8.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Margerita, Mensija, is-Santwarju, is-Sebuqa, il-Qasab, il-Qanneb, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar, B'Kara, San Franġisk, l-Imsieraħ, B'Kara, Korvu, it-Torri Ruman, in-Naxxar u lura għall-każin tal-banda.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Awwissu 2013, mis-2.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Bellavista, San Ġwann tal-Għargħar, Mensija, Sant'Antnin, Kunċizzjoni, Naxxar u lura għall-każin tal-banda.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Awwissu 2013, mit-8.30 p.m mit-toroq li ġejjin: il-Kappella u n-Naxxar.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Awwissu 2013, mill-10.15 a.m. sas-2.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Bellavista, San Ġwann tal-Għargħar, Mensija, Sant Antnin, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar u lura għall-każin tal-banda.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Awwissu 2013, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ Lourdes, in-Naxxar, Mensija, Bernardette, il-Kappuċini, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar u lura għall-knisja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Lulju, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 49 tal-2013

Ħidmiet minn Għaddasa u Attivitajiet ta' Riċerka fil-Port ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi se jsiru ħidmiet ta' għaddasa u attivitajiet ta' riċerka 'l hinn mill-moll tal-Enemalta fil-Port ta' Marsaxlokk fl-inħawi tal-linja immaġinarja ABCD u x-xatt intermedju, kif muri fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/), bejn l-aħħar ġimgħa ta' Lulju u nofs Awwissu 2013.

Ir-Rummien, Akaċja, Pjazza Ħawħa, iċ-Ċedru, Vjal in-Naspli, in-Naxxar and back to the band club.

On Thursday, 1st August 2013, between 8.30 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Pjazza Ismek Tiftħirek, Ġużè Borg, Sir Luigi Camilleri, Salvu Gatt, Vincenzo Borg, Vjal Ir-Rihan, Salvu Busuttil, R.Caruana Dingli, Vincenzo Hyzler, Ugo Carbonaro, Giuseppi Briffa, Stefanotis, Misraħ Ċentawrja, l-Iskola, it-Tulipan, il-Kappella and back to the band club.

On Friday, 2nd August 2013, between 8.30 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Santa Margerita, Mensija, is-Santwarju, is-Sebuqa, il-Qasab, il-Qanneb, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar, B'Kara, San Franġisk, l-Imsieraħ, B'Kara, Korvu, it-Torri Ruman, in-Naxxar and back to the band club.

On Saturday, 3rd August 2013, from 2.00 p.m. till midnight through the following streets: San Ġużepp, Bellavista, San Ġwann tal-Għargħar, Mensija, Sant'Antnin, Kunċizzjoni, Naxxar and back to the band club.

On Saturday, 3rd August 2013, from 8.30 p.m. through the following streets: il-Kappella and in-Naxxar.

On Sunday, 4th August 2013, from 10.15 a.m. till 2.30 p.m. through the following streets: Triq San Ġużepp, Bellavista, San Ġwann tal-Għargħar, Mensija, Sant Antnin, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar and back to the band club.

On Sunday, 4th August 2013, from 6.00 p.m. till midnight through the following streets: Misraħ Lourdes, in-Naxxar, Mensija, Bernardette, il-Kappuċini, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar and back to the church.

Vehicles found in contravention to this order of this Notice are liable to be towed away.

23rd July, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 49 of 2013

Further Diving Operations and Research Activities in Marsaxlokk Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that diving operations and research activities will be carried out off the Enemalta quay in Marsaxlokk Harbour in the area between the imaginary line ABCD and the intermediate coastline, as indicated on the chart shown on Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/), between the last week of July and mid August 2013.

Position	Latitude (N)	Longitude (E)
A	35° 50'.294	14° 32'.969
B	35° 50'.159	14° 32'.928
C	35° 49'.223	14° 33'.239
D	35° 49'.253	14° 33'.523

Għaddasa se jagħmlu dan ix-xogħol bl-għajnuna tal-*work boat* "Odalisque". Il-*work boat* se jkollha l-*International Code of Signals Flag "A"* u se jkollha manuvrar ristrett.

Sidien u operaturi ta' bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, ibaħħru b'attenzjoni u bilmod u jżommu 'l bogħod mill-inħawi ta' hawn fuq tal-anqas 200m. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-Kontroll tal-Port ta' Marsaxlokk (VTS) fuq VHF Channel 14.

Chart affettwata: BA 36

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

It-23 ta' Lulju, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' *Resource Worker* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni U X-xogħol

(Approvazzjoni skont il-capacity building ad hoc datata t-3 ta' Diċembru, 2012)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni kwalifikati adatti għall-pożizzjoni ta' *Resource Worker* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

1.2 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku: (https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx).

1.3 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

Position	Latitude (N)	Longitude (E)
A	35° 50'.294	14° 32'.969
B	35° 50'.159	14° 32'.928
C	35° 49'.223	14° 33'.239
D	35° 49'.253	14° 33'.523

Divers will carry out this work with the assistance of work boat "Odalisque". The work boat will be displaying the International Code of Signals Flag "A" and will have restricted maneuverability.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and slow speed and give the above area a wide berth of at least 200m. They are to comply with instructions given by Marsaxlokk Port Control (VTS) on VHF Channel 14.

Chart affected: BA 36

Positions referred to WGS 84 DATUM.

23rd July, 2013

MINISTRY FOR EDUCATION
AND EMPLOYMENT

Position of Resource Worker in the Directorate for Educational Services (DES) in the Ministry for Education and Employment

(Ad hoc capacity building approval dated 3rd December, 2012)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

1.0 General

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications from suitable qualified persons for the position of Resource Worker in the Directorate for Educational Services (DES).

1.2 The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx).

1.3 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

2.0 Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Resource Worker* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Resource Worker* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Din il-pożizzjoni hija fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tista' titpoġġa fuq massimu ta' ġimgħa ta' xogħol ta' sitt (6) ijiem b'medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa fuq medda ta' sena kalendarja skont skeda tax-xogħol kif stabbilita mid-Direttur Ġenerali (DSE) u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-DSE.

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Resource Worker* u tkun ittrasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif ipprovdut bl-*assignment* fis-seħħ.

2.4 Għalliema tal-post li japplikaw u jintgħażlu sabiex jimlew il-pożizzjoni ta' *Resource Worker*, iżommu d-dritt li japplikaw għall-pożizzjonijiet ta' promozzjoni pprovduti mill-progressjoni tal-karriera fil-gradi ta' għalliem u s-snin ta' servizz f'din il-pożizzjoni għandhom jitqiesu bħala snin ta' servizz/esperjenza fil-grad tal-għalliema.

3.0 Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' *Resource Worker* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 7 li fis-sena 2013, huwa ta' €20,234.98 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' € 531.17 sa massimu ta' € 23,422.00.

4.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet

4.1 Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ta' *Resource Worker* jinkludu li:

tagħti appoġġ lill-għalliema, *special educators*, *learning support assistants*, *personnel* tal-iskola u ġenituri fl-iżvilupp ta' strateġiji li jilqgħu l-bżonnijiet individwali tal-istudenti.

2.0 Duration of assignment and conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Resource Worker in the Directorate for Educational Services within the Ministry for Education and Employment**,** which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Resource Worker during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 This position is on a full-time basis and may be conditioned to a maximum of a six (6) day working week of an average weekly working time of forty (40) hours averaged over a calendar year on a time-table established by the Director General DES and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of Resource Worker and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

2.4 Teachers in post who apply and are selected to fill the position of Resource Worker shall retain the right to apply for promotional posts provided for by their career progression in the teaching grades and years of service in this position shall be reckonable as equivalent to years of service and experience in the teaching grade.

3.0 Salary pegged to the position

3.1 The salary attached to the position of Resource Worker is equivalent to Salary Scale 7, which in 2013 is €20,234.98 per annum rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €23,422.00.

4.0 Duties and Responsibilities

4.1 The duties and responsibilities of a Resource Worker shall include the following:

supporting classroom teachers, special educators, learning support assistants, school personnel and parents in the development of a variety of strategies to meet the individual educational needs of students;

jsir l-assessjar tal-kejl funzjonali tat-tfal, jiġu ppjanati u mmaniġjati interventi individwali ġod-djar u l-iskejjel bl-involviment tal-familji, l-edukaturi, *learning support assistants* u professjonisti oħra;

toffri pariri u timplimenta programmi relatati mal-aspett fiżiku, sensorjali, ta' tagħlim, komunikazzjoni u l-ambjent soċjali tal-istudent;

toffri programmi wara l-ħin tal-iskola individwalment jew fi gruppi żgħar, lill-studenti li għandhom bżonn aktar interventi intensivi bħala sistema integrali mill-qasam edukattiv;

tottimizza l-abbilitajiet funzjonali u indipendenti tal-istudent sabiex tipprovdi għajnuna u parir lill-istudenti, l-familji tagħhom, edukaturi tas-snin bikrija u l-edukaturi fl-iskola billi jingħataw attivitajiet speċifiċi, magħżula u gradati;

tikkonsulta mal-istaff tal-*Access Communication and Techology Unit (ACTU*) u tal-*Autism Spectrum Support Team (ASST)* fl-assessjar, fl-inizjazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' komunikazzjoni awmentattiva/alternattiva, fi programmi ta' mġiba u interazzjoni soċjali fil-klassijiet, skejjel u fil-komunità;

tiddokumenta, tissorvelja u tevalwa l-interventi, u li tipprovdi l-assessjar kif ukoll rapporti ta' progress tal-istudenti skont il-bżonnijiet individwali edukattivi;

tikkollabora mal-Uffiċjali Edukattivi, Koordinatur għal Edukazzjoni Inklussiva (*INCOs), learning support assistants* u staff edukattiv ieħor skont il-bżonnijiet tal-istudent bi strateġiji ta' interventi approprjati kif inhuma riflessi fl-*Inclusive Curriculum Project* skont kif inhuma implementati mis-Servizzi għall-Istudenti;

tmexxi sessjonijiet ta' taħriġ mal-istaff edukattiv fuq strateġiji varji li jistgħu jgħinu l-istudenti kollha jirnexxu;

tipprovdi informazzjoni u għajnuna permezz ta' metodi differenti li jinkludu telefon, *email*, *website* u materjal miktub;

tipparteċipa f'riċerka, f'proġetti piloti u *Continuing Staff Development;*

twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizzi għall-Istudenti skont kif inhu relatat għal din il-pożizzjoni;

twettaq dmirijiet oħra skont l-eżigenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Resource Worker* tista' tintbagħat taqdi dmirijiet fid-djar, fl-iskejjel, fir-*Resource Centres*, u f'*Learning Support Centres* biex tikkontribwixxi għall-implementazzjoni tal-programm edukattiv individwali ta' studenti bi bżonnijiet speċjali f'livell nazzjonali.

assessing the functional needs of children, plan and manage child centred interventions within the home and school setting, involving families, teachers, learning support assistants and other stakeholders;

offering advice and implement programmes related to the physical, sensory, cognitive, communication and social environment of the student;

offering after school intervention programmes individually or in small groups to students needing more intensive intervention as an integral part of the educational programme;

optimising the child's functional ability and independence to provide help and advice to children, their families, early intervention teachers, and educators in school by employing specific, selected and graded activities;

consulting with personnel of Access Communication and Technology Unit (ACTU) and Autism Spectrum Support Team (ASST) in the assessment, initiation and implementation of augmentative/alternative communication, behaviour and social interaction programmes in classrooms, schools and in the community;

documenting, monitoring and evaluating intervention and providing assessment as well as progress reports on students in line with Individual Educational Plans (IEPs);

liaising with Education Officers, Inclusion co-ordinators (INCO), Learning Support Assistants and other educational staff regarding the student's needs with appropriate intervention strategies as reflected in the Inclusive Curriculum project as implemented by the Student Services;

conducting training sessions with educational staff on differentiated strategies that can help all students to succeed;

providing information and advice through various methods including telephone, email, website and written materials;

participating in research, pilot projects and continuing staff development.

performing other duties assigned from time to time as requested by the Director Student Services as related to this position;

performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 A Resource Worker can be deployed to perform duties in homes, schools, Resource Centres and Learning Support Centres to contribute to the implementation of the individual educational programme of students with special needs at national level.

5.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom fil-pussess tagħhom:

(a) *first Degree* rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF, fis-*Social Sciences* relatata ma' *Learning Difficulties* u/jew *Learning Disabilties* u/jew Edukazzjoni Speċjali u Inklussiva, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u tliet (3) snin ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

5.0 Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in both the English and Maltese languages;

(iii) in possession of:

(a) a recognised First Degree at MQF Level 6 in Social Sciences related to Learning Difficulties and/or Learning Disabilities and/or Inclusive and Special Education, or a recognised appropriate comparable qualification, and three (3) years relevant work experience; OR

(b) *post graduate degree (Masters)* rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF relatata ma' *Learning Difficulties* u/jew *Learning Disabilties* u/jew Edukazzjoni Speċjali u Inklussiva, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(c) *first Degree* rikonoxxuta f'livell 6 tal-*MQF,* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u *post graduate degree (Masters)* rikonoxxuta f'livell 7 tal-*MQF* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, relatata ma' *Learning Difficulties* u/jew *Learning Disabilties* u/jew Edukazzjoni Speċjali u Inklussiva, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

Għal fini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, xogħol relevanti riferut f'paragrafi 5.1(iii) jinkludi wkoll esperjenza ta' tagħlim.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata li jinkludi esperjenza ta' tagħlim.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 9).

6.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tinthemeż mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandhom jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

(b) a recognised post graduate degree (Masters) at MQF Level 7, related to Learning Difficulties and/or Learning Disabilities and/or Inclusive and Special Education, or a recognised appropriate comparable qualification, and three (3) years relevant work experience; OR

(c) a recognised First Degree at MQF level 6, or a recognised appropriate comparable qualification, and a recognised post graduate degree (Masters) at MQF Level 7, or a recognised appropriate comparable qualification, related to Learning Difficulties and/or Learning Disabilities and/or Inclusive and Special Education, and one (1) year relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

For the purpose of this call of applications, relevant work experience referred to in paragraph 5.1 (iii) includes also teaching experience.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience including teaching experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below in paragraph 9).

6.0 Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English (Diploma/Certificate supplement), showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Iċ-ċertifikati oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.0 Proċeduri tal-għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

8.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx*)* aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex VCT 2000, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropej) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali

9.1 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita`;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;

il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati

żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex VCT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi riċeventi huwa +356 2598 2264.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.0 Selection procedure

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

8.0 Submission of applications

8.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received by the Customer Care Section, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th August, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

9.0 General provisions

9.1 General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;

reasonable accommodation for registered persons with disability;

the submission of recognition statements in respect of qualifications;

the publication of the result;

the process for the submission of petitions concerning the result;

medical examination;

access to application forms and related details;

retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) or may be obtained from Customer Care Section, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate for Educational Services is +356 2598 2264.

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

**Post ta' Kap ta' Dipartiment (Primarja)
fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards*
fl-EdukazzjonI (DKSE)**

*(Approvazzjoni skont il-capacity building
datata l-14 ta' Mejju, 2012)*

"Skont klawsola 3.1(I) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil".

1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kap ta' Dipartiment (Primarja) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE).

1.2 Il-funzjonijiet tad-DKSE huma stabbiliti permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat b-Att XIII tal-2006) li jista' jkun ikkonsultat fuq is-sit elettroniku: (https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx).

1.3 Il-missjoni tad-DKSE hi li jirregola, jistabbilixxi, jgħasses u jassigura l-*istandards* u l-kwalità fil-programmi u s-servizzi edukattivi fil-livell obbligatorju tal-edukazzjoni pprovdut mill-iskejjel tal-Istat u oħrajn mhux tal-Istat.

1.4 Il-persuna magħżula ser twettaq dmirijiet bħala Kap ta' Dipartiment fil-qasam tal-*Literacy.*

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Kap ta' Dipartiment huwa dak fi Skala ta' Salarju 7, li fl-2013 huwa ta' €20,234.98 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €23,422.00.

2.2 Il-persuna magħżula bħala Kap ta' Dipartiment tkun mistennija li ssegwi taħriġ u edukazzjoni speċjalizzati sponsorjati mill-Awtoritajiet Edukattivi.

3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ġenerali

3.1 Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ġenerali tal-persuna magħżula bħala Kap ta' Dipartiment (Primarja) jinkludu li:

tiżviluppa riżorsi kif irrakkomandat mill-Uffiċjal tal-Edukazzjoni u/jew il-Kap ta' Skola;
tagħti parir lis-SMT dwar il-ksib u l-immaniġġar ta' riżorsi xierqa fil-klassi u l-monitoraġġ tal-użu tagħhom;

tikkoordina u tagħti appoġġ fl-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali għall-kollegi u tipparteċipa fis-seduti

MINISTRY FOR EDUCATION
AND EMPLOYMENT

**Post of Head of Department (Primary)
in the Directorate for Quality and Standards
in Education (DQSE)**

*(Capacity building approval
dated 14th May 2012)*

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1.0 General

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the post of Head of Department (Primary) in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE).

1.2 The functions of the DQSE are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx).

1.3 The mission of the DQSE is to generally regulate, establish, monitor and assure standards and quality in the programmes and educational services at the compulsory level of education provided by State and non-State schools.

1.4 The selected candidate shall serve as a Head of Department in the area of Literacy.

2.0 Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Head of Department is that of Salary Scale 7, which in 2013 is €20,234.98 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €23,422.00.

2.2 A Head of Department shall be expected to undergo specialised education and training sponsored by the Education Authorities.

3.0 Overall Duties and Responsibilities

3.1 The overall duties and responsibilities of a Head of Department (Primary) shall include the following:

developing resources as advised by the Education Officer and/or the Head of School;
advising the SMT on the procurement and management of adequate resources in classrooms and monitoring their utilisation;
coordinating and supporting professional development opportunities for colleagues and participating in Professional

għall-Iżvilupp Professjonali u opportunitajiet għall-Iżvilupp Professjonali Kontinwu;

tagħti appoġġ fil-kurrikulu permezz ta' atti ta' prattika tajba fl-iskejjel fil-wiri, it-tixrid u ċ-ċelebrazzjoni ta' prattika tajba;

ttejjeb il-proċess ta' tagħlim tul l-iskejjel permezz ta' appoġġ, gwida, li jkunu stabbiliti miri u jagħmluha ta' ħbieb kritiċi;

tagħmel xogħlijiet oħrajn kompatibbli mal-post kif irrakkomandat mill-Uffiċjal tal-Edukazzjoni u l-Kap ta' Skola;

twettaq dmirijiet oħra kif mitlub mill-Uffiċjal Edukattiv ikkonċernat;

twettaq dmirijiet kif mitlub mid-Direttur Ġenerali DKSE;

twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku: (www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Development sessions and other Continuous Professional Development opportunities;

giving curricular support through being beacons of good practice in schools in showcasing, disseminating and celebrating good practices;

enhancing the teaching and learning process across the schools by supporting, guiding, setting targets and acting as critical friends;

other tasks compatible with the post as advised by the Education Officer and the Head of School;

performing other tasks as directed by Education officer concerned;

performing other duties as requested by the Director General DQSE;

performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from: (www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

4.0 Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;
(iii) uffiċjali pubbliċi fi grad ta' Għalliem:

a. li għandhom b'mhux anqas minn għaxar (10) snin skolastiċi ta' esperjenza ta' tagħlim, fejn l-aħħar ħames (5) snin iridu jkunu fi skola statali; u
b. li minn tal-anqas, dan l-aħħar erba' (4) snin, kienu qed jgħallmu fil-livell tal-primarja;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1 ikollhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 Il-kwalitajiet li qegħdin ikunu mfittxija għal dan il-post huma dawk ta' edukatur kapaċi, b'viżjoni, b'għarfien, kompetenzi u enerġija biex jiffurmaw parti minn tim fi ħdan id-DKSE bl-għan li tkun imtejba s-sistema edukattiva Maltija fil-kuntest tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulum.

4.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

5.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandhom jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;
(iii) public officers in the grade of Teacher:

a. who have not less than ten (10) scholastic years teaching experience, of which the last five (5) years must be in a State school, and
b. who have served for at least the last four (4) years teaching at the primary level.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides satisfying the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 The qualities being sought for in this post are those of a capable educator, with vision, knowledge, competencies and drive to form part of a dynamic team within the DQSE with the aim of improving the Maltese educational system within the context of the National Curriculum Framework.

4.4 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below paragraph 8.1).

5.0 Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Iċ-ċertifikati oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 -https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex VCT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Awwissu, 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.0 Dispożizzjonijiet ġenerali

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku,
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati

jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mill-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex VCT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi huwa 2598 2264.

It-23 ta' Lulju, 2013

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.0 Submission of applications

7.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th August, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.0 General provisions

8.1 General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359 or may be obtained from Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, VCT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate for Educational Services is 2598 2264.

23rd July, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

Post ta' Kap ta' Dipartiment (Suġġett/Grupp ta' Suġġetti/Oqsma) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE)

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-14 ta' Mejju, 2012)

"Skont klawsola 3.1(I) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil".

1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kap ta' Dipartiment (suġġett/grupp ta' suġġetti/oqsma) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE).

1.2 Il-funzjonijiet tad-DKSE huma stabbiliti permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat b-Att XIII tal-2006) li jista' jkun ikkonsultat fuq is-sit elettroniku: (https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx).

1.3 Il-missjoni tad-DKSE hi li jirregola, jistabbilixxi, jgħasses u jassigura l-i*standards* u l-kwalità fil-programmi u s-servizzi edukattivi fil-livell obbligatorju tal-edukazzjoni pprovdut mill-iskejjel tal-Istat u oħrajn mhux tal-Istat.

1.4 Il-persuna magħżula ser twettaq dmirijiet bħala Kap ta' Dipartiment f'wieħed minn dawn is-suġġett/grupp ta' suġġetti/oqsma:

Għarbi
Ingliż
eLearning
SpLD (primarja/sekondarja/post-sekondarja)

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Kap ta' Dipartiment huwa dak fi Skala ta' Salarju 7, li fl-2013 huwa ta' €20,234.98 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €23,422.00.

2.2 Il-persuna magħżula bħala Kap ta' Dipartiment tkun mistennija li ssegwi taħriġ u edukazzjoni speċjalizzati sponsorjati mill-Awtoritajiet Edukattivi.

3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ġenerali

3.1 Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ġenerali tal-persuna magħżula bħala Kap ta' Dipartiment (fis-suġġett/grupp ta' suġġetti/oqsma) jinkludu li:

MINISTRY FOR EDUCATION
AND EMPLOYMENT

Post of Head of Department (Subject/Group of Subjects/Areas) in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

(Capacity building approval dated 14th Ma,y 2012)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1.0 General

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the post of Head of Department (subject/group of subjects/areas) in the Directorate for Quality and Standards in Education.

1.2 The functions of the DQSE are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx).

1.3 The mission of the DQSE is to generally regulate, establish, monitor and assure standards and quality in the programmes and educational services at the compulsory level of education provided by State and non-State schools.

1.4 The selected candidate shall serve as a Head of Department in one of the following subject/group of subjects/areas:

Arabic
English
eLearning
SpLD (primary/secondary/post-secondary)

2.0 Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Head of Department is that of Salary Scale 7, which in 2013 is €20,234.98 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €23,422.00.

2.2 A Head of Department shall be expected to undergo specialised education and training sponsored by the Education Authorities.

3.0 Overall Duties and Responsibilities

3.1 The overall duties and responsibilities of a Head of Department (subject/group of subjects/area) shall include the following:

taqdi d-dmirijiet ta' Għalliem u ta' Kap ta' Dipartiment fis-suġġett/grupp ta' suġġetti/oqsma partikolari. (ara *job description Handbook*, *July* 2007);

tgħin b'mod attiv lill-Kap tal-Iskola biex tassigura l-prattika tajba b'mod professjonali, l-i*standards* u l-kwalità tat-tagħlim u l-istruzzjoni tas-suġġett/grupp ta' suggetti/oqsma bi djalogu xieraq mal-għalliema tal-klassi u taħt id-direzzjoni tal-Uffiċjal Edukattiv ikkonċernat waqt li tippromwovi proċess ta' osservazzjoni informali reċiproku ta' prattika ta' tagħlim fil-klassi;

tagħti parir u tikkontribwixxi fl-iżvilupp tal-kurrikulum fil-livell tal-iskola u tas-sistema, taħt id-direzzjoni u l-gwida tal-Uffiċjal Edukattiv ikkonċernat;

tikkoordina l-istruzzjoni u t-tagħlim tas-suġġett/i/qasam li wieħed hu responsabbli minnhom;

tissettja l-karti tal-eżamijiet, tikkoordina l-iskema tal-immarkar u timmodera l-eżamijiet u l-proċess tal-assessjar tal-iskola fejn tgħallem kif ukoll fi skejjel oħra;

tagħti pariri u tgħin għalliema oħra (ara *job description* ta' *Mentor* fil-*Handbook July 2007*) fis-suġġett/i/qasam tal-ispeċjalizzazzjoni tagħhom;

twettaq dmirijiet oħra kif mitlub mill-Uffiċjal Edukattiv ikkonċernat;

twettaq dmirijiet kif mitlub mid-Direttur Ġeneral DKSE;

twettaq dmirijiet oħra skont l-eżigenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku: (www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

performing duties of a Teacher and a Head a Department for a particular subject/group of subjects/areas. (see: Job Description Handbook, July 2007);

actively assisting the Head of School in ensuring the good professional practice, standards, and quality of the teaching and learning of subject/group of subjects/areas through proper dialogue with the class teachers and under the direction of the relative Education Officer while promoting a healthy process of reciprocal informal observation of class teaching practices;

advising and contributing to curriculum development at school and system level under the direction and guidance of the respective Education Officer;

co-ordinating the learning and teaching of the subject/s/area for which one is responsible;

setting examination papers, co-ordinating marking schemes and moderating examinations and assessment processes at one's school as well as in other schools;

mentoring other teachers (see job description of Mentor, Handbook July 2007) in the subject/s/area of their speciality;

performing other tasks as directed by Education officer concerned;

performing other duties as requested by the Director General DQSE;

any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from: (www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

4.0 Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;
(iii) uffiċjali pubbliċi fi grad ta' Għalliem:

a. li għandhom b'mhux anqas minn għaxar (10) snin skolastiċi ta' esperjenza ta' tagħlim, fejn l-aħħar ħames (5) snin iridu jkunu fi skola statali; u
b. li minn tal-anqas, dan l-aħħar erba' (4) snin, kienu qed jgħallmu s-suġġett/qasam li qed japplikaw għalih;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1 ikollhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 Il-kwalitajiet li qegħdin ikunu mfittxija għal dan il-post huma dawk ta' edukatur kapaċi, b'viżjoni, b'għarfien, kompetenzi u enerġija biex jifforma parti minn tim fi ħdan id-DKSE bl-għan li tkun imtejba s-sistema edukattiva Maltija fil-kuntest tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulum.

4.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;
(iii) public officers in the grade of Teacher:

a. who have not less than ten (10) scholastic years teaching experience, of which the last five (5) years must be in a State school, and
b. who have served for at least the last four (4) years teaching the subject/area for which they are applying for;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides satisfying the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 The qualities being sought for in this post are those of a capable educator, with vision, knowledge, competencies and drive to form part of a dynamic team within the DQSE with the aim of improving the Maltese educational system within the context of the National Curriculum Framework.

4.4 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below paragraph 8.1).

5.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandhom ikollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Iċ-ċertifikati oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex VCT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Awwissu, 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn suġġett/qasam wieħed (f'paragrafu 1.4), billi jimlew applikazzjoni għal kull suġġett/qasam li qed japplikaw għalih.

8.0 Dispożizzjonijiet ġenerali

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati

5.0 Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.0 Submission of applications

7.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th August, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Applicants may apply for more than one subject/area (in paragraph 1.4) by filling-in separate application forms per subject/area.

8.0 General provisions

8.1 General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mill-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex VCT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiwsu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi huwa 2598 2264.

It-23 ta' Lulju, 2013

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA
(NCPE)

Promotur tal-Programm ta' *Mentoring*
(ETC Permit No: 64/2013, MPO
File No: MPO/253/2005/12)

Bħala parti mill-proġett FSE 3.196 "Bilanċ bejn is-Sessi fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet", inħolqot vakanza għall-pożizzjoni ta' Promotur tal-Programm ta' *Mentoring*, fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE).

Din il-pożizzjoni tingħata b'kuntratt definit (li jiskadi f'Marzu 2015) fuq bażi *full-time*, fejn ir-responsabilitajiet tal-kariga jkunu jinkludu għadd ta' attivitajiet relatati mal-proġett, fost oħrajn:

responsabbiltà biex tippromwovi l-Programm ta' *Mentoring*;
l-ippjanar, l-implementazzjoni u l-monitoraġġ tal-Programm ta' *Mentoring;*
l-organiżżazzjoni ta' attivitajiet relatati mal-Programm ta' Mentoring;
j/tagħmel mezz li l-Programm ta' *Mentoring* jimxi mingħajr diffikultajiet.

Il-kandidati għandu jkollhom: *Degree* bl-*Honours* f'wieħed minn dawn l-oqsma: Soċjoloġija, Psikoloġija, Antropoloġija, *Public Policy, Social Policy,* Kummerċ, Liġi, Studji Ewropej, *Communications*, Studji Internazzjonali, Ħidma Soċjali u *Youth Studies*. Il-kandidati ghandhom ikunu kapaci jaħdmu tajjeb f'tim, ikunu jafu jużaw il-kompjuter u jkunu familjari sew mal-applikazzjonjiet kollha tal-programmi MS Office. Kapaċità fl-oqsma kollha tal-komunikazzjoni, b'mod speċjali fil-kitba kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż huma essenzjali għal din il-pożizzjoni. Fl-istess waqt, esperjenza fit-tfassil ta' kampanji ta' marketing jew reklamar titqies bħala ta' vantaġġ.

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, VCT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate for Educational Services is 2598 2264.

23rd July, 2013

NATIONAL COMMISSION FOR
THE PROMOTION OF EQUALITY
(NCPE)

Mentoring Programme Promoter
(ETC Permit No: 64/2013, MPO
File No: MPO/253/2005/12)

A vacancy for the post of Mentoring Programme Promoter has arisen within NCPE, the National Commission for the Promotion of Equality, as part of the project ESF 3.196 "Gender Balance in Decision-Making".

The selected candidate will be expected to enter into a full-time definite contract (expiring March 2015), where s/he will be responsible for the project activities including:

in charge of promoting the Mentoring Programme;

planning, implementation and monitoring of the Mentoring Programme;
organising activities related to the Mentoring Programme;

ensure the smooth running of the Mentoring Programme.

The Mentoring Programme Promoter must be in possession of an Honours Degree in Sociology, Psychology, Anthropology, Public Policy, Social Policy, Commerce, Law, European Studies, Communications, International Studies, Social Work and Youth Studies. The individual needs to be a good team player, well versed in gender issues, computer literate and able to use all MS Office applications. Strong communication skills including excellent writing skills in both Maltese and English are essential for this position. Previous experience in preparing marketing/publicity campaigns would be considered an asset.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljat, lid- Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Awwissu, 2013. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Dar Gattard,
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850 / Fax: 2590 3851
E-mail: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

It-23 ta' Lulju, 2013

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the Executive Director by not later than Monday 5th August 2013. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House,
National Road,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850 / Fax: 2590 3851
E-mail: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

23rd July, 2013

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Avviż parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA
(NCPE)

Project Support Officer
(ETC Permit No: 63/2013,
MPO File No MPO/253/2005/12)

Bħala parti mill-proġett JUST/2012/PROG/AG/3717 "Insaħħu d-Drittijiet għall-Ugwaljanza", inħolqot vakanza għall-pożizzjoni ta' *Project Support Officer*, fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE).

Din il-pożizzjoni tingħata b'kuntratt definit fuq bażi *full-time* (li jiskadi f'Marzu 2014) fejn il-persuna magħżula tkun responsabbli ta' għadd ta' attivitajiet relatati mal-proġett, fost oħrajn:

assistenza lill-Koordinatur tal-Proġett;
relazzjonijiet pubbliċi;
copyrighting;
l-aspetti amministrattivi u finanzjarji

Il-kandidati għandhom jkollhom: *Degree* f'wieħed minn dawn l-oqsma: Soċjoloġija/Psikoloġija/Antropoloġija/

NATIONAL COMMISSION FOR
THE PROMOTION OF EQUALITY
(NCPE)

Project Support Officer
(ETC Permit No: 63/2013,
MPO File No: MPO/253/2005/12)

A vacancy for the post of Project Support Officer has arisen within NCPE, the National Commission for the Promotion of Equality, as part of the project JUST/2012/PROG/AG/3717 "Enhancing Equal Rights".

The selected candidate will be expected to enter into a full-time definite contract (expiring in March 2014), where s/he will be responsible for the project activities including:

providing support in project coordination;
public relations;
copyrighting;
administration and finance.

The candidate must be in possession of: a Degree in either Sociology/Psychology/Anthropology/Public

Public Policy/Social Policy/Kummerċ/Liġi/Studji Ewropej /Komunikazzjoni/Studji Internazzjonali/*Social Work/Youth Studies*; jew ekwivalenti. Il-kanditati ghandhom ikollhom ħila li jaħdmu fi grupp, ikollhom esperjenza fil-qasam tal-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni, ikunu jafu jużaw sew il-kompjuter u kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet kollha tal-*Microsoft Office*. Minbarra dan, il-kandidati jrid ikollhom kapaċitajiet tajba ta' komunikazzjoni, inkluż fil-kitba kemm tal-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Esperjenza fit-tfassil ta' kampanji ta' *marketing* jew reklamar, kif ukoll għarfien tajjeb ta' accounts u Regolamenti tal-Gvern dwar Akkwisti Pubbliċi, jitqiesu bħala ta' vantaġġ. Fl-istess waqt, esperjenza ta' xogħol f'ambjent ta' uffiċċju jew amministrazzjoni, amministrazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ huma meqjusa bħala vantaġġ.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljat, lill-Direttur Esekuttiv tal-NCPE, sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Awwissu, 2013. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Dar Gattard,
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850 / Fax: 2590 3851
E-mail: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

It-23 ta' Lulju, 2013

Policy/Social Policy/Commerce/Law/European Studies/ Communications/International Studies/Social Work/ Youth Studies, or equivalent. The individual needs to be a good team player, well versed in non-discrimination and gender issues, computer literate and able to use all Microsoft Office applications. The individual must possess strong communication skills including excellent writing skills in both Maltese and English. Previous experience in preparing marketing/publicity campaigns, knowledge of Accounts and Government Procurement Regulations, would be considered an asset. Furthermore, previous experience in office/ administration environment and EU project management, as well as organizing training activities is also considered an asset.

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the Executive Director by not later than Monday 5th August, 2013. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House,
National Road,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850 / Fax: 2590 3851
E-mail: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

23rd July, 2013

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea Programm
għal Impiegi u Solidarjeta` Soċjali -
PROGRESS (2007-2013)
Dan il-programm qed jigi implimentat mill-Kummissjoni Ewropea

This Project is supported by the European Union Programme
for Employment and Social Solidarity
PROGRESS (2007-2013)
This programme is implemented by the European Commission

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Riżultati għal Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' *Office Assistant*
(Skema tal-i*Scholarships* "*Master it!*")
fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja
fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Id-Direttur għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jgħarraf li r-riżultati tal-intervisti għall-Ingaġġ fil-pożizzjoni ta' *Office Assistant* (Skema tal-i*Scholarships* "*Master it*") fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, kif ippublikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,084 tas-7 ta' Mejju, 2013, ġew ippublikati.

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

Results for the Engagement in the Position of Office Assistant ("Master it!" Scholarship Scheme) in the Directorate for Lifelong Learning within the Ministry for Education and Employment

The Director, Lifelong Learning, notifies that the results of the interviews for the Engagement in the Position of Office Assistant ("Master it!" Scholarship Scheme) in the Directorate for Lifelong Learning within the Ministry for Education and Employment, as published in the Government Gazette No. 19,084 of the 7th May, 2013, have been published.

Kopja ta' dawn ir-riżultati tinsab fuq in-*Notice-Board* Ewlenija, Ċentru ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni, Binja tal-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, kif ukoll fuq in-*Notice-Board* tal-Uffiċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

It-23 ta' Lulju, 2013

A copy of the results may be found on the Main Notice-Board, Education Information Centre, Education Building, Great Siege Road, Floriana, and on the Notice-Board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

23rd July, 2013

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Reklam parzjalment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Advert part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Riżultati għal Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' *Project Administrator* (Skema tal-i*Scholarships* "*Master it!*") fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Id-Direttur għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jgħarraf li r-riżultati tal-intervisti għall-Ingaġġ fil-pożizzjoni ta' *Project Administrator* (Skema tal-i*Scholarships* "*Master it*") fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, kif ippublikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,084 tas-7 ta' Mejju, 2013, ġew ippublikati.

Kopja ta' dawn ir-riżultati tinsab fuq in-*Notice-Board* Ewlenija, Ċentru ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni, Binja tal-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, kif ukoll fuq in-*Notice-Board* tal-Uffiċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

It-23 ta' Lulju, 2013

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

Results for the Engagement in the Position of Project Administrator ("Master it!" Scholarship Scheme) in the Directorate for Lifelong Learning within the Ministry for Education and Employment

The Director, Lifelong Learning, notifies that the results of the interviews for the Engagement in the Position of Project Administrator ("Master it!" Scholarship Scheme) in the Directorate for Lifelong Learning within the Ministry for Education and Employment, as published in the Government Gazette No. 19,084 of the 7th May, 2013, have been published.

A copy of the results may be found on the Main Notice-Board, Education Information Centre, Education Building, Great Siege Road, Floriana, and on the Notice-Board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

23rd July, 2013

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Reklam parzjalment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Advert part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Post ta' Skrivan Fis-servizz Pubbliku ta' Malta - 2013
Post ta' Uffiċjal Eżekuttiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013
Post ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013
Post ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013
Post ta' Uffiċjal Prinċipali Anzjan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013

L-Ewwel Parti: Eżamijiet bil-Miktub (Resits)

L-Aġent Direttur tal-Eżamijiet jixtieq javża li l-avviżi tal-eżamijiet bil-miktub ntbagħtu lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li għadhom ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 2598 2968.

It-23 ta' Lulju, 2013

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Post of Clerk in the Malta Public Service - 2013
Post of Executive Officer in the Malta Public Service - 2013
Post of Assistant Principal in the Malta Public Service - 2013
Post of Principal in the Malta Public Service - 2013
Post of Senior Principal in the Malta Public Service - 2013

Part I: Written Examinations (Resits)

The Acting Director of Examinations notifies that the notices of the written examinations have been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not yet received the notice are invited to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone number 2598 2968.

23rd July, 2013

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2009 = 100)

	2013
Jannar	106.58
Frar	106.67
Marzu	107.24
April	108.08
Mejju	108.61
Ġunju	108.51

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

	Mejju 2013	Ġunju 2013	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Frott, frisk jew iffriżat	116.06	109.57	-0.09
Trasport u Komunikazzjoni			
Fuels	136.43	135.13	-0.06
Servizzi tat-trasport bl-ajru	150.83	147.50	-0.07

It-23 ta' Lulju, 2013

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2009 = 100)

	2013
January	106.58
February	106.67
March	107.24
April	108.08
May	108.61
June	108.51

Items causing most change:–

	May 2013	June 2013	Effect on Index
Food			
Fruits, fresh or chilled	116.06	109.57	-0.09
Transport and Communication			
Fuels	136.43	135.13	-0.06
Air transport services	150.83	147.50	-0.07

23rd July, 2013

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Lista ta' Kuntratti mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2013 u t-30 ta' Ġunju, 2013, ippubblikata skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi tal-2010.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

List of Contracts awarded by the Director General (Contracts) during the period between 1st January, 2013 and 30th June, 2013, published in terms of Section 20(2) of the Public Procurement Regulations 2010.

Suġġett *Subject*	Kuntrattur *Contractor*
Supply of Pre-operative Surgical Hair Clipper Blades	Drugsales Ltd
Supply of Imatinib 100mg Capsules/Film Coated Tablets	V J Salomone Pharma Ltd
Supply of Sildenafil 20mg Tablets	V J Salomone Pharma Ltd
Supply of Human Albumin 20% Solution x 50ml, x 100ml	Drugsales Ltd
Supply of Cefuroxime 750mg Injections	Europharma Ltd
Supply of Quetiapine 25mg, 100mg and 200mg tablets	A M Mangion Ltd
Provision of Consultancy Services for drafting Malta's Partership Contract/Agreement (for all CSF funds) and (Cohesion Policy) Operational Programmes	EMCS Ltd and DSG Consulting Ltd
Supply of Ciprofloxacin Injections 200mg in 100ml	Cherubino Ltd
Supply of Calcium Alginate Dressing - Approx. size - 10cm x 20cm	Cherubino Ltd
Supply of Kits for Immunology with Equipment on Loan	Cherubino Ltd
Supply of Amifampridine (3, 4-Diaminopyridine) 10mg Tablets	Cherubino Ltd
Awareness Campaign & Organisation of Seminars for the Malta competition and Consumer Affairs Authority	MPS Marketing Communications Ltd & MS-Three Services Ltd
NFRP - Design & Build of Zabbar - Marsascala Tunnels	BM Tunnels Joint Venture
Architectural and Engineering Serivices Ta' Bistra Catacombs Areas B and C	EMDP Ltd
Thematic Evaluation: An Evaluation of the Contribution of Operational Programme I Initiative to Competitiveness and Improvement of Quality of Life	London Economics Ltd
The Procurement Managemnet System - Maintenance & Support Agreement	Alert Communications Ltd
Supply of Endoscopy Equipment for the Colorectal Cancer Screening Program	E J Busuttil Ltd
Restoration Works to Birgu Landfront Fortifications - BRG 09	Agius Stone Works Ltd
Construction of Bus Lane at Mosta/Lija	Bonnici Brothers Ltd
Construction of a Bus Interchange at Ta' Qali l/o Attard	Philip Agius & Sons Ltd
Construction of Bus Lane in Triq Aldo Moro Marsa – SouthBound	Bonnici Brothers Ltd
Supply, Installation, Testing and Commissioning of Air-Conditioning Services for the Faculty of Engineering at the University of Malta	M A & A Services Ltd

Appointment of Internal Auditors - Transport Malta	Grant Thornton and NEXIA BT
Construction of Visitor Infrastructure (interpretation centre, etc) and landscaping and Restoration Works at the Saint Paul's Catacombs Heritage Park, Rabat, Malta	San Paolo Joint Venture
Rehabilitation and Restoration of the Former Maghtab Landfill - Phase II	Bonnici Brothers Contractors Ltd
Supply, Delivery, Installation and Commissioning of Equipment for Setting up of Nucleic Acid Testing (NAT) Laboratory in the National Blood Transfusion Centre - Lot 1	Al-Nibras for Science & Technology Ltd
Supply, Delivery, Installation and Commissioning of Equipment for Setting up of Nucleic Acid Testing (NAT) Laboratory in the National Blood Transfusion Centre - Lot 3	Evolve Ltd
Aluminium, Cladding, Stainless Steel and Timber Works at the Two (2) Educational Institutes Blocks J and D at MCAST, Paola	J S Dimech Ltd
Provision of Security Services on the Campuses of the University of Malta and the Junior College and Other University Designated Sites	Grange Security & Consultancy Services Ltd
Provision of Care Working Services at Mount Carmel Hospital	Support Services Ltd
Supply and Delivery of Clothes	Yorkie Clothing Ind Ltd
Provision of Training Services in NISC Management Development	KCA London LLP
Finishing Works at the Biomedical Extension Building at the University of Malta	Project Technik Ltd
Framework Agreement for the Construction and Maintenance of Roads and for Trenching and Plant Laying Works for the Extension and Renewal of electricity Cable, Potable Water and Waste Water Pipe Networks in Different Localities in Malta and Gozo on behalf of the Authority for Transport in Malta - Level 1	Stephen Tonna
Framework Agreement for the Construction and Maintenance of Roads and for Trenching and Plant Laying Works for the Extension and Renewal of electricity Cable, Potable Water and Waste Water Pipe Networks in Different Localities in Malta and Gozo on behalf of the Authority for Transport in Malta - Level 2	G A Services Ltd
Framework Agreement for the Construction and Maintenance of Roads and for Trenching and Plant Laying Works for the Extension and Renewal of electricity Cable, Potable Water and Waste Water Pipe Networks in Different Localities in Malta and Gozo on behalf of the Authority for Transport in Malta - Level 3	Vella Group Ltd
Supply of Erythropoietin 2000IU, 3000IU and 4000IU prefilled Syringes	Cherubino Ltd
Transport Services of Municipal Solid Waste From Gozo to Malta	J Bonavia & Nephews Ltd and Joseph Mercieca
Creation of a Footpath at Dingli Cliffs l/o Dingli in Connection with the Project: Dingli Cliffs - Enhancing tand Protecting the Tourism Potential	Sier & Sons Ltd
Full Detailed Analysis for Conversion of Delimara Power Station to Natural Gas Firing	Tractebel Engineering SA

Organisation and Execution of an Educational Campaign to Promote Energy Savings in the Domestic Sector	JP Advertising Ltd
Architectural Finishing and restoration Works for the New Judiciary Buildings	Camray Co Ltd
Provision of Training Services in Project Management	Clear Dimensions Ltd and FGI Ltd
Supply, Delivery & Commissioning of Mobile Enrolment Workstations with Intgrated Software Solution	Indras Sistemas SA
Refurbishment & Upgrading at Deep Water Quay, Marsa	Polidano Brothers Ltd
supply, delivery, installation, and commissioning of Science Laboratory Equipment and Instrumentation	Technoline Ltd - Levo Laboratories Supplies Joint Venture
Construction, Servicing, Finishing and Commissioning of a Child Development Centre in Victoria, Gozo	VGTP Joint Venture
Resurfacing of Maghtab Roads - Phase I	Polidano Bros Ltd
Provision of Services of Experts to Design Syllabi, Taching and Learning Resources and Production of Course Packs of MCAST Levels 1, 2 and 3 Courses and Pathway Programme	Berufsforderungsinstitut Wien (bfi Wien) and Wirtschaftsforderungsinstitut Der Wirtschaftskammer Osterrreich (WIFI Osterreich) and Berufliches Bildungs - und Rehabilitations Zentrum Osterreigh (BBRZ)
Design, Build and Operate of the Gozo Waste Treatment and Transfer Facility at tal-Kus l/o Xewkija	BS Environment Joint Venture
Supply, Installation and Commissioning of Point of Core Analysers Together with Reagents and Consumables to Mater Dei Hospital	Evolve Ltd
Organisation and Execution of a Communication and Information Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding	MPS Marketing Communications Ltd and MS Three Services Ltd
Resurfacing of Triq Santa Tereza, Bormla	Asfaltar Constuction Ltd
Refurbishment of Blood Establishment Premises in Guardamangia	PK Construction & Interiors Ltd
Supply of Biphasic Insulin Vials	Charles de Giorgio Ltd
Supply of Enoxaparin sodium 100mg/ml Solution for Injection in pre-filled Syringes	Charles de Giorgio Ltd
Supply of Biphasic Insulin Cartridges	Charles de Giorgio Ltd
Supply of Short-Acting Insulin Vials and Intermediate-Acting Insulin Vials	Charles de Giorgio Ltd
Supply of Complete Nutritional Preparation x 200ml	Cherubino Ltd
Supply of Fibrinogen Concentrate Injections	A M Mangion Ltd
Supply oand Delivery of Soil Analysis Kits	Ortis Ltd
Development of a Long-term Monitoring Strategy for the Marine Environment, a Social and conomic Analysis fo the Use of Marine Waters and Costs of Degradation, and Baseline Sediment Survey in Inland Waters	AEE Consortium
Construction Services, Finishing and Commissioning of the Child-care Centre and Administration Office at Xewkija Industrial Estate	Central Power Installations Ltd

Supply of Lenalidomide 25mg capsules/tablets	A M Mangion Ltd
Supply of Diphtheria, Tetanus, Pertussis, Polio, Haemophilus influenzae B vaccine	Alfred Gera & Sons Ltd
Provision of a Bottom Up Cost Model for Termination Services of a Mobile Network Operator	Analysys Mason Ltd
Supply of Rituximab 500mg Injections	Cherubino Ltd
Supply of Automated System for the Identification and Antibiotic Susceeptibility Testing of Bacteria	Cherubino Ltd
Supply of Isosorbide Mononitrate 60mg Tablets	Cherubino Ltd
Supply of Anti-Haemophilia Recombinant Factor VIII x1000iu, x 500iu, x 250iu	Vivian Corporation Ltd
Engagement of Experts to Design Syllabi, Teaching and Learning Resources of MCAST Courses	Economic & Management Consultancy Services Ltd and City of Glasgow College and Joseph Cachia & Sons Ltd
Cleaning Services to all MCAST Sites	Clentec Ltd
Building Services Installation for the New Judiciary Building	Central Power Installations Ltd
Periodical Slipping of Patrol Crraft P61 - Armed Forces of Malta	Bezzina Ship Repair Yard Ltd
Construction of New Roads, or Renovation of Existing Roads, using Environmentally Sound Construction Methods & Materials	Asfaltar Constuction Ltd
Supply, Installation and Commissioning of a Direct Digital X-Ray System housed in a Mobile 40ft Container and Three Isolation Units - Lot 1	Triomed Ltd
Supply, Installation and Commissioning of a Direct Digital X-Ray System housed in a Mobile 40ft Container and Three Isolation Units - Lot 2	Reactilab Ltd
Supply of Pemetrexed 500mg Powder for Concentrate for Infusion	Charles de Giorgio Ltd
Rock Excavation and Ancillary Activities at Ghallis ta' Gewwa l/o Maghtab	Ballut Blocks Services Ltd
Security Services at the National Library of Malta	Kavallier Security Services Ltd
Supply of Tetrabenazine 25mg Tablets	Cherubino Ltd
Supply of Rituximab 100mg Injections	Cherubino Ltd
Training for Staff Working with Disabled Persons who hve Challenging Behaviour	Outlook Coop
Supply, Delivery, Installation, Maintenance, Removal and Storage of Swimmers' Zones Delineation Buoys for 2013 and 2014	Paul Bezzina
Supply of High Performance Surgical Gowns	JBC Mfg & Import
Supply of Electricity Lighting at Dockyard Creek, Cospicua	Richard Cauchi
Security Services at Life Science Centre, San Gwann	J F Security & Consultancy Services
Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2013, fil-Kaxxa l-Ħadra fir-*reception area* tas-*Central Procurement and Supplies Unit,* Gwardamanġa, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 1211A. *Disposable thoaracoports*.

Kwot. PFI Nru. 1211B. *Needles for plexus block anaesthesia*.

Kwot. PFI Nru. 1211. *Sterile intravenous cannula G24*.

Kwot. PFI Nru. 1212. *Disposable corkscrew electrodes*.

Kwot. PFI Nru. 1213. *Erythropoietin beta 500 units/3ml*.

Kwot. PFI Nru. 1214. *Peak flowmeters*.

Kwot. PFI Nru. 1215. *Neonates/infants diathermy plates*.

Kwot. PFI Nru. 1216. *Ethosuximide 250mg capsules*.

Kwot. PFI Nru. 1217. *DDDR Pacemakers without leads*.

Kwot. PFI Nru. 1218. *Printing paper for biotronik pacemaker programmer.*

Kwot. PFI Nru. 1219. *Toluene HPLC grade*.

Kwot. PFI Nru. 1220. *Histamine dihydrochloride (EP Reference Standard).*

Kwot. PFI Nru. 1221. *Poliglecaprone 25 suture*.

Kwot. PFI Nru. 1222. *ONCO haematology assays 1*.

Kwot. PFI Nru. 1223. *Flowcytometry markers 11*.

Kwot. PFI Nru. 1224. *Bone marrow trephine needles*.

Kwot. PFI Nru. 1225. *Indomethacin 100mg suppositories*.

Kwot. PFI Nru. 1226. *Amphotericin 50mg injections*.

Kwot. PFI Nru. 1227. *Ceftriaxone 1g IM injections*.

Kwot. PFI Nru. 1228. *Flucloxacillin oral solution*.

Kwot. PFI Nru. 1229. *Monel knife diathermy electrodes*.

Kwot. PFI Nru. 1230. *Silicone teeth protectors*.

Kwot. PFI Nru. 1231. *Cisplatin 10 and 50mg vials*.

Kwot. PFI Nru. 1232. *Flutamide 250mg tablets*.

Kwot. PFI Nru. 1233. *Polio vaccine injectable*.

Kwot. PFI Nru. 1233A. *Pyrazinamide 500mg tablets*.

Kwot. PFI Nru. 1233B. *Water based burns dressings*.

Il-PFIs imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq (http://www.cpsuhealth.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-23 ta' Lulju, 2013

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit, Ministry for Health, Gwardamanġa, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Malta, by 10.00 a.m. of Tuesday, 30th July, 2013, for:-

Quot. PFI No. 1211A. Disposable thoaracoports.

Quot. PFI No. 1211B. Needles for plexus block anaesthesia.

Quot. PFI No. 1211. Sterile intravenous cannula G24.

Quot. PFI No. 1212. Disposable corkscrew electrodes.

Quot. PFI No. 1213. Erythropoietin beta 500 units/3ml.

Quot. PFI No. 1214. Peak flowmeters.

Quot. PFI No. 1215. Neonates/infants diathermy plates.

Quot. PFI No. 1216. Ethosuximide 250mg capsules.

Quot. PFI No. 1217. DDDR Pacemakers without leads.

Quot. PFI No. 1218. Printing paper for biotronik pacemaker programmer.

Quot. PFI No. 1219. Toluene HPLC grade.

Quot. PFI No. 1220. Histamine dihydrochloride (EP Reference Standard).

Quot. PFI No. 1221. Poliglecaprone 25 suture.

Quot. PFI No. 1222. ONCO haematology assays 1.

Quot. PFI No. 1223. Flowcytometry markers 11.

Quot. PFI No. 1224. Bone marrow trephine needles.

Quot. PFI No. 1225. Indomethacin 100mg suppositories.

Quot. PFI No. 1226. Amphotericin 50mg injections.

Quot. PFI No. 1227. Ceftriaxone 1g IM injections.

Quot. PFI No. 1228. Flucloxacillin oral solution.

Quot. PFI No. 1229. Monel knife diathermy electrodes.

Quot. PFI No. 1230. Silicone teeth protectors.

Quot. PFI No. 1231. Cisplatin 10 and 50mg vials.

Quot. PFI No. 1232. Flutamide 250mg tablets.

Quot. PFI No. 1233. Polio vaccine injectable.

Quot. PFI No. 1233A. Pyrazinamide 500mg tablets.

Quot. PFI No. 1233B. Water based burns dressings.

All the above PFIs can be downloaded from: (http://www.cpsuhealth.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit on any working day between 8.30 a.m. and noon.

23rd July, 2013

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

Iċ-*Chief Executive Officer,* Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, Gwardamanġa, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2013 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-*Central Procurement and Supplies Unit,* Gwardamanġa, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. RFI. Nru. 019/13. *Haeomodialysis concentrates for bicarbonate dialysis for use with hospal innova and cobe centry system 3 kidney machine*.

Kwot. RFI Nru. 020/13. *Deferasirox dispersable 500mg tablets*.

It-Talba għall-Informazzjoni tista' titniżżel minn fuq: (http://www.cpsuhealth.gov.mt/pages.aspx?page=1298).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

It-23 ta' Lulju, 2013

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Malta, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 6th August, 2013 for:-

Quot. RFI. No. 019/13. Haeomodialysis concentrates for bicarbonate dialysis for use with hospal innova and cobe centry system 3 kidney machine.

Quot. RFI. No. 020/13. Deferasirox dispersable 500mg tablets.

The above Request for Information can be downloaded from: (http://www.cpsuhealth.gov.mt/pages.aspx?page=1298).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit on any working day between 8.00 a.m. and noon.

23rd July, 2013

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru tas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-offerta li ġejja sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-22 ta' Awwissu, 2013. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt).

CPSU/CPU/1022/2013.*Emergency trolleys with defibrillator.*

Id-dokument ta' din l-offerta jinkiseb mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System:* (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Malti għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija hawn fuq.

It-23 ta' Lulju, 2013

CENTRAL PROCUREMENT
AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:-

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Thursday, 22nd August, 2013. Tenders are to be submitted ONLY online on: (www.etenders.gov.mt).

CPSU/CPU/1022/2013.Emergency trolleys with defibrillator.

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

23rd July, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviz ta' Bejgħ

Id-Direttorat tal-*Portijiet* u *Jottijiet*, Transport Malta, jgħarraf li qed jilqa' offerti għax-xiri fuq bażi 'tale quale' tal-bastiment tal-azzar bil-qlugħ ARGONAUT ta' 18-il metru li qiegħed sorġut fix-Xatt tal-Knisja, il-Marsa.

Dawk li huma interessati jaraw dan il-bastiment, huma mitluba jikkuntattjaw lid-Direttorat tal-Portijiet u Jottijiet fuq in-numri tat-telefon 2291 4410 u/jew 7943 4313 sabiex jagħmlu appuntament.

Offerti ssiġillati għandom jaslu sa mhux aktar tard minnnofsinhar tat-Tlieta, is-6 ta' Awwissu, 2013 u għandhom jintefgħu fil-kaxxa mmarkata "MSY Argonaut" li tinsab fir-*Reception Area* tat-Transport Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Il-Marsa.

Il-bastiment jinbiegħ fuq l-għola offerta u li l-ħlas dovut isir mal-bejgh. L-Awtorità jżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta li ssir, anki l-aktar vantaġġuża.

It-23 ta' Lulju, 2013

TRANSPORT MALTA

Notice of Sale

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that it is inviting bids for the sale, on a 'tale quale' basis of the single engine motor sailing vessel ARGONAUT, an 18 meter steel ketch which is lying at Church Wharf, Marsa.

Those interested in viewing the vessel may contact the Ports and Yachting Directorate on telephone numbers 2291 4410 and/or 7943 4313 during office hours for an appointment.

Sealed bids are to be submitted by not later than noon of Tuesday, 6th August, 2013 and deposited in the box marked "MSY Argonaut" at the Reception area, ground floor level, Transport Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

The vessel will be sold to the highest acceptable bidder against payment. The Authority reserves the right to refuse any offer received, even the most advantageous.

23rd July, 2013

KUNSILL LOKALI IS-SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-26 ta' Awwissu, 2013, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. LCS 14/13. Provvista u manutenzjoni ta' sinjali u marki tat-traffiku.

Avviż Nru LCS 12/13. Ġbir ta' skart domestiku mħallat.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti magħluqin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti apposta fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi. Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu miċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi bil-ħlas tad-dritt hawn fuq indikat waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa' nofsinhar.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża. Offerti kkonsenjati wara l-ħin stipulat ma jiġux ikkunsidrati.

It-23 ta' Lulju, 2013

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Monday, 26th August, 2013, for:-

Advt. No. LCS 14/13. Supply and maintenance of traffic signs and markings.

Advt. No. LCS 12/13. Collection of mixed household waste.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of the tender document.

Sealed tenders are to be deposited in the appropriate tender box available at the Siġġiewi Civic Centre, 18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi. The tender documents may be obtained from the Siġġiewi Civic Centre against the relative payment during office hours from Monday to Friday between 8.00 a.m. and noon.

The Local Council reserves the right not to accept even the most advantageous offer. Late tenders will not be accepted.

23rd July, 2013

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali In-Naxxar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tat-Tnejn, it-2 ta' Settembru, 2013, fil-kaxxa tal-offerti tal-Kunsill Lokali In-Naxxar, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. T02/2013. Servizzi ta' *handyman* - il-Kunsill jeħtieġ is-servizzi ta' żewġ (2) *handymen* u jżomm id-dritt li jagħżel jew offerta waħda li toffri żewġ *handymen* jew jagħżel żewġ *handymen* minn żewġ offerti.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali In-Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, In-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar (mit-Tnejn sal-Ġimgħa), u s-Sibt bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin tal-għeluq.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali In-Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

It-23 ta' Lulju, 2013

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to noon of Monday, 2nd September, 2013, for:-

Advt. No.T02/2013. Services of a handyman - the council requires the services of two (2) handymen and reserves the right to choose either one tender offering two handymen or choose two handymen from any two tenders.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of the tender documents.

Tender documents may be collected from Naxxar Local Council Offices, 18, Civic Centre, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar from 8.00 a.m. to noon (Monday to Friday), and Saturday from 8.00 a.m. to 11.30 a.m.

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

23rd July, 2013

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEJTUN

Il-Kunsill Lokali Iż-Żejtun jilqa' kwotazzjonijiet għas-servizzi/provvista għal waqt l-attività kulturali Żejt iż-Żejtun 2013 li se ssir nhar is-Sibt, it-28 ta' Settembru u l-Ħadd, id-29 ta' Settembru, 2013:

Kiri ta' *billboard* mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru, 2013 (Triq il-Labour, Il-Marsa u Triq Dun Karm, B'Kara faċċata ta' Mater Dei);
Re-enactments Medjevali;
Kiri ta' *sound* (*6 stages* b'*fully equipped PA Systems*);
Provvista ta' 250 siġġu and 50 mejda;
Provvista ta' Villaġġ Malti;
Kiri ta' taghmir tad-Dawl;
Stampar ta' 500 *poster* (A3) u 10,000 *flyers (A4)* bil-kulur;
Provvista ta' 400Kg Żebbuġ.

Dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Lokali Iż-Żejtun minn nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Awwissu, 2013 u għandhom jiġu sottomessi lill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Iż-Żejtun, 28, Triq Sant' Anġlu sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-23 ta' Awwissu, 2013.

It-23 ta' Lulju, 2013

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

The Żejtun Local Council is requesting quotations for the following services/provisions for the cultural activity Żejt iż-Żejtun being held on Saturday, 28th September and Sunday, 29th September, 2013:

Billboard rental from 1st September until 30th September, 2013 (Triq il-Labour, Marsa u Triq Dun Karm, B'Kara opposite Mater Dei);
Medieval Re-enactments;
Hiring of sound (6 stages with fully equipped PA Systems);
Provision of 250 chairs and 50 tables;
Provision of Maltese Village;
Rental of Lighting Equipment;
Printing of 500 posters (A3) and 10,000 flyers (A4) in full colour;
Provision of 400Kgs Olives

Quotation documents can be obtained from the Żejtun Local Council as from Friday, 2nd August, 2013 and are to be submitted to the Żejtun Local Council Administration Offices, 28, St. Angelo Street until 10.00 a.m. of Friday, 23rd August, 2013.

23rd July, 2013

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEJTUN

Offerti Pubbliċi għall-Postijiet minn fejn jinbiegħu Ikel u Xorb fl-okkażjoni ta' Żejt iż-Żejtun

Il-Kunsill Lokali Iż-Żejtun jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li sal-Ġimgħa, it-30 ta' Awwissu, 2013, jintlaqgħu offerti magħluqin biex minn dawn il-postijiet li ġejjin jinbiegħu ikel u xorb waqt Żejt iż-Żejtun 2013 nhar is-Sibt, it-28 ta' Settembru, 2013 (filgħaxija):

a) Misraħ ir-Repubblika
(Offerti taħt l-€1,500 ma jiġux ikkunsidrati)
b) Misraħ Diċembru Tlettax/Għana Bar
(Offerti taħt €1,000 ma jiġux ikkunsidrati)
ċ) Misraħ San Girgor
(Offerti taħt €350 ma jiġux ikkunsidrati)
ċ) Misraħ Santa Marija
(Offerti taħt €200 ma jiġux ikkunsidrati)

Applikanti li jixtiequ jibagħtu l-offerta tagħhom jistgħu jiġbru l-formola tal-offerta flimkien ma' *site plan* mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Iż-Żejtun mill-Ġimgħa, it-2 ta' Awwissu, 2013. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew l-offerti kollha li jintbagħtu, anke l-aktar vantaġġużi.

It-tagħmir kollu meħtieġ għandu jkun ipprovdut mill-kuntrattur.

It-23 ta' Lulju, 2013

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

Żejt iż-Żejtun Public Offers for Food and Drink Outlets

The Żejtun Local Council notifies the general public that sealed offers will be received until Friday, 30th August, 2013, for the following food and drink outlets for Saturday 28th September (evening), 2013 during Żejt iż-Żejtun 2013 activity:

a) Misraħ ir-Repubblika
(Offers below €1,500 will not be considered)
b) Misraħ Diċembru Tlettax/Għana Bar
(Offers below €1,000 will not be considered)
c) Misraħ San Girgor
(Offers below €350 will not be considered)
d) Misraħ Santa Marija
(Offers below €200 will not be considered)

Applicants wishing to submit their offer can collect an offer form together with a site plan from the Żejtun Local Council Administration offices from Friday, 2nd August, 2013. The Council reserves the right to refuse any or all offers submitted, even the most advantageous.

All necessary equipment is to be provided by the contractor.

23rd July, 2013

REĠJUN XLOKK

Ir-Reġjun Xlokk jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Awwissu 2013 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-Uffiċċju tar-Reġjun fix-Xlokk, għal:-

Sejħa ta' espressjoni ta' interess għall-provvediment ta' servizzi ta' Koordinatur tal-proġetti tal-EU. Nru ta' Ref. RXE-01.

Kwotazzjonijiet magħluqin immarkati bin-numru tar-referenza, għandhom jiġu depositati fil-kaxxa tal-offerta li tinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tar-Reġjun tax-Xlokk. Dokumenti relevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tar-Reġjun Amministrattiv.

Il-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin tal-għeluq u ebda dokument jew kwotazzjoni ma jiġux aċċettati wara l-ħin stipulat.

Ir-Reġjun tax-Xlokk iżomm id-dritt li jirrifjuta jew jaċċetta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-23 ta' Lulju, 2013

SOUTH EAST REGION

The South East Region notifies that:-

Sealed quotations will be received at the South Region Office up to 10.00 a.m. of Friday, 30th August, 2013 for:-

Call for expression of Interest for the provision of services for E.U Projects C0-Ordinator. Ref No. RXE-01

Sealed quotations marked with the relevant reference number, should be deposited in the appropriate tender box at the South East Region Administrative Offices. The relevant documents may be obtained from the Region Administrative Offices.

Quotes will be opened in public after the closing time and no other documents or quotes will be accepted after the stipulated time.

The South East Region reserves the right to accept or reject even the most advantageous offer.

23rd July, 2013

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1188

B' digriet mogħti fit-2 ta' Lulju 2013, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Mary Grace Attard vs Mario Attard, rikors numru 656/03 NC, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ipprezentat fil-Qorti tal-Appell, Rikors Ġuramentat Numru 656/03 NC, fl-ismijiet Mary Grace Attard vs Mario Attard, Deċiża 1.2.13, fid-19 ta' Frar 2013, ir-rikorrenti Mary Grace Attard (ID 98865M) esponiet bil-qima;

Illi permezz ta' Ċitazzjoni intavolata quddiem l-Ewwel Qorti, l-esponenti pproċediet kontra l-konvenut sabiex dik il-Qorti:

1.Tippronunzja u tordna s-separazzjoni bejn il-partijiet;

2. Taffida il-kura u kustodja tal-ulied Maria, Roderick u Josianne, ilkoll minuri f'idejn l-attriċi;

3. Tordna lill-konvenut iħallas retta alimentarja għall-attriċi u tliet ulied minuri;

4.Tikkundanna lill-konvenut iħallas tali retta alimentarja;

5. Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti tal-partijiet u tiddikjara xolta okkorendo bl-opera ta' perit nominand;

6. Tordna lill-konvenut joħroġ mid-dar matrimonjali.

Illi permezz ta' nota ta' eċċeżżjonijiet tiegħu il-konvenut eċċepixxa illi;

1.Illi l-eċċipjenti jaqbel illi għandha tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu stante li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabilment tort unikament ta' martu l-attriċi.

2.....omissis.....

3. Illi għar-rigward it-tieni talba tal-attriċi l-eċċipjent umilment jissottometti illi jkun utili li din l-Onorabbli Qorti, tsima x' xhieda tal-istess bintu Maria Attard.

4. Illi għar-rigward is-sitt talba tal-attriċi l-eċċipjenti jissottometti illi l-okkupazzjoni tiegħu huwa ta' sewwieq ta' xarabank u l-istess xarabank jinżamm f'garaxx illi jinsab adjacenti mad-dar matrimonjali u t-tnejn huma proprjetà parafernali tiegħu.

By means of a decree given , on the 2nd July 2013, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Mary Grace Attard vs Mario Attard, application number 656/03 NC, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Sworn Application Number 656/03 NC, in the names Mary Grace Attard vs Mario Attard, Decided 1.2.13, on the 19th February 2013, the applicant Mary Grace Attard (ID 98865M) respectfully pleaded;

That by means of a Writ of Summons, filed, before the Court of First Instance, the interpellant proceeded against the defendant so that this Court:

1. Pronounce and order the separation between the parties.

2. Entrust the care and custody of the children Maria, Roderick and Josianne, all minors to the plaintiff';

3. Order the defendant to pay adequate maintenance to the plaintiff and the three minor children;

4. Condemn the defendant to pay such adequate maintenace;

5. Liquidate the community of acquests of the parties and declare it dissolved if necessary by the appointment of a referee;

6. Order the defendant to leave the matrimonial home.

That by means of a note of pleas, the defendant pleaded that;

1.That the interpellant agrees that there should be declared the personal between him and his wife since the marriage irretrievably broke down due to the fault solely of his wife, the plaintiff.

2.....omissis.....

3. That as regards the second demand of the plaintiff, the interpellant humbly submits that it will be good for this Court to hear the evidence of his daughter Maria Attard.

4. That as regards the sixth demand of the plaintiff, the interpellant, submits that his job as a driver of a bus and the same bus is held in a garage which is adjacent to the matrimonial home and both are his paraphernal property.

5. Illi għar-rigward it-talba ta' l-attriċi sabiex l-eċċipjenti iħallas retta alimentarja għaliha, l-eċċipjenti jissottometti illi l-attriċi hija f' saħħitha u kapaci taħdem.

6. Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet l-oħra l-eċċipjenti jopponi għalihom.

Illi permezz ta' sentenza datata 1 ta' Frar 2013, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti;

1.Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ħtija tat-tnejn.

2. Tiċħad it-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tat-tifla u l-aċċess jiġu regolati kif stabbilit fir-rikors.

3. Tiċħad it-tielet talba u tordna li l-attriċi tħallas manteniment għall-minuri Josianne kif stabbilit fir-rikors.

4.Tiċħad ir-raba' talba.

5. Tilqa' l-ħames talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha fit-termini stabbiliti fir-rikors.

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba peress li l-konvenut diga vvaka mid-dar matrimonjali.

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati konguntivament.

Illi l-esponenti tħossha aggravata bis-sentenza suddetta u għaldaqstant qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi għal kjarezza dan l-appell se jiġi maqsum f' numru ta' sezzjonjiet li dwarhom l-esponenti tħossha aggravata;

1.Responsabbilità tat-tifrik taż-żwieġ.

Illi l-ewwel Qorti espremiet il-fehma li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment prinċipalment tort tal-aġir aggressiv tal-konvenut fil-konfront tal-esponent u sekondarjament tort tal-esponenti li kienet tabbuża mix-xorb alkoħoliku, bir-riżultat li kienet tittraskura lit-tfal.

Illi l-esponenti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni stante li hija kienet biss vittima f'din iċ-ċirkostanza kollha u bl-ebda mod ma kkontribwiet għat-tifrik taż-żwieġ.

.....omissis.....

5. That as regards the demand of the plaintiff, so that the interpellant pay the adequate maintenance for her, the interpellant submits that the plaintiff is in good health and able to work.

6. That as regards the other demands the interpellant objects to them.

That in virtue of a judgement dated 1st February 2013, the Court of First Instance, decided the cause in the following manner;

1.Upholds the first demand and pronounce the personal separation between the parties due to the fault of both.

2. Reject the second demand and order the care and custody of the daughter and access be regulated as established in the application.

3. Reject the third demand and order the plaintiff to pay maintenance for the minor Josianne as established in the application.

4. Reject the fourth demand.

5.Uphold the fifth demand and dissolve the community of acquests, liquidate it and assign within the terms established in the application.

6. Abstain from taking cognizance of the sixth demand as the defendant has already vacated the matrimonial home.

The expenmses are to be borne jointly.

That the applicant feels aggrieved with the above judgement and is thus filing this humble appeal before this Honourable Court.

That for the sake of clarity this appeal shall be divided in a number of sections regarding which the applicant feels aggrieved;

1.Responsibility for the breakdown of the marriage.

That the Court of First Instance expressed the idea that the marriage between the parties irretrievably broke down principally due to the fault of the aggressive behaviour of the defendant towards the applicant and secondly due to the fault of the applicant who abused of alcoholic drink, and as a result abandoned the children.

That the applicant does not agree with this conclusion since she was only a victim in all this circumstance and in no manner contributed to the breakdown of the marriage.

.....omissis.....

Illi l-Ewwel Qorti tagħmel referenza wkoll illi ż-żewġ partijiet huma ħatja ta' inġurja gravi peress li dawn daħlu fi hbiberiji speċjali ma' terzi persuni tas-sess oppost... omissis.. L-esponenti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti illi hija ħatja ta' inġurja gravi peress li daħlet fi hbiberija speċjali ma' terza persuna kif del resto daħal l-appellat, meta dan il-fatt huwa totalment inežistenti u lanqas ġie lontanament ippruvat.

Illi għalhekk għar-ragunijiet hawn fuq esposti l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti, tiddikjara li t-tifrik taż-żwieġ seħħ b'tort uniku tal-appellat.

ii. Kura u Kustodja u Manteniment għat-tifla minuri .....omisis.....

Illi tajjeb jiġi rilevat illi fil-mori tal-proċeduri l-uniku tifla li baqgħat minuri hija .....omisis.....

Illi għalhekk wara li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal hija akkordat il-kura u kustodja ta' .....omisis..... lill-appellat b' aċċess konkordat bejn l-esponenti u l-istess tifla li llum għandha sbatax il-sena.

Illi l-esponenti għalkemm ma taqbilx li l-Ewwel Qorti, skartat għal kollox ix-xhieda li tat it-tifla ..... omisis..... fil-bidu tal-proċeduri dwar il-komportament tal-appellat, hija ma tixtieq xejn għajr l-aħjar tal-minuri .....omisis.....

Manteniment għat-tifla .....omisis.....

Illi pero dak li l-esponenti ħassitha aggravata bih hu li l-Ewwel Qorti ikkundannata tħallas manteniment mensili ta' €150 flimkien ma-ħlas ta' nofs l-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa ta' natura staordinarja. Illi l-esponenti tispjega illi hija tgħix bl-għajnuna soċjali.

.....omissis.....

Għaldaqstant l-esponenti tirrileva illi l-Ewwel Qorti, kienet zbaljata meta llikwidat l-ammont ta' manteniment imsemmi għall-minuri u li l-manteniment għall-istess minuri għandu jkun a karigu esklussiv tal-appellat.

Manteniment għall-esponenti.

Illi peress fl-opinjoni tal-Ewwel Qorti, l-esponenti kellha parti mill-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ ġie ddikjarat illi hija ddekadiet mid-dritt li tipperċepixxi manteniment mingħand l-appellat. Illi kif ġa gie spjegat aktar 'il fuq l-esponenti ma

That the Court of First Instance also makes reference that both parties are guilty of grievous insults as they entered into special friendships with third persons of the opposite sex... omissis..... The appellant cannot agree with the reasoning of the Court of First Instance that she is guilty of grievous insults because she entered into special firendship with a third person, as the respondent did, when in fact this is totally inexistent and was not even remotely proved.

That thus for the reasons exposed the applicant humbly asks this Honourable Court to derclare that the breakdwon of the marriage occurred solely to the fault of the respondent.

ii. Care and Custody and Maintenance for the minor daughter .....omisis.....

That it is good to point out that during the proceedings the only girl which was still a minor is ..... omisis.....

That thus after the Court of First Instance took into consideration the report of the Children's Advocate it granted the care and custody of .....omisis..... to the respondent, with access agreed between the appellant and the same girl whom is today, seventeen years old.

That the appellant although she does not agree that the Court of First Instance discarded completely the evidence given by the daughter .....omisis..... in the begining of the procedures regarding the behaviour of the respondent, she does not wish anything, except the best for the minor .....omisis.....

Maintenance for the daughter .....omisis.....

However the appellant felt aggrieved by the fact that the Court of First Intance condemned her to pay the monthly maintenance of €150 together with the payment of half of the educational expenses and extraordinary health expenses. That the appellant explains that she lives on social assistance.

.....omissis.....

Thus the appellant points out that the Court of First Instance, was mistaken when it liquidated the amount of maintenance mentioned for the minor and that the maintenance for the same minor should be at the exclusive charge of the respondent.

Maintenance for the appellant.

That in the opinion of the Court of First Instance,as the appellant was partly to blame for the breakdown of the marriage she forfeited the right to recieve maintenance from the respondent. That as has already been explained above

taħti xejn għat- tifrik ta' dan iż-żwieġ anzi hi kienet il-vittima li għal snin twal ġiet assoġġettata għal abbuż mentali u fiżiku quddiem it-tfal.

.....omissis.....

Illi di più l-esponenti tħossha aggravata mill-fatt illi l-Ewwel Qorti, ma ħadet l-ebda konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellat waqaf jissomministralha l-manteniment ordnat mill-istess Qorti f'Lulju 2011, cioè minn meta waqaf bħala xufier tal-karozzi tal-linja.

iii. Komunjoni tal-Akkwisti.

Illi f' dan ir-rigward l-Ewwel Qorti aderiet ruħħa mal-konkluzzjonijiet magħmulha mill-Perit Legali, fir-relazzjoni tagħha ad eċċezzjoni ta' somma ta' self li għadu dovut li l-Ewwel Qorti, li għandu jkun ta' €1,048.22 u mhux ta'€815.28.

i.Immobili.

Illi fir-rigward tal-immobili konsistent fid-dar matrimonjali fil-garage u f'biċċa art mhux żviluppata, l-Ewwel Qorti ordnat il-bejgħ tal-istess fis-suq ħieles fi żmien sena u fin-nuqqas jinbiegħu bis-subbasta.

Illi l-esponenti tħossha ferm aggravata b' din id-deċiżjoni u dan għaliex hija ppruvat lill-Ewwel Qorti, anke fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnha, illi ma kienx hemm għalfejn wieħed jasal għal dawn il-miżuri drastiċi.

ii. Mobbli.

Vetturi, għamara, lanċa u għodda.

Illi fir-rigward tal-mobbli, l-Ewwel Qorti, ordnat li l-mobbli tad-dar jiġu assenjati lill-esponenti u dwar dan m'hemmx oġġezzjoni. Lanqas ma hemm oġġezzjoni fir-rigward tar-rimborż tal-kreditu parafernali fl-ammont ta' €19,983.69.

Introjtu mill-impjieg tal-appellat.

Dak li l-esponenti ma taqbilx miegħu hu li ma ġiex likwidat favur tagħha nofs l-ammont li l-appellat qala' mill-impjieg tiegħu tul is-snin kollha li kienet pendenti l-kawza. Illi sakemm din il-kawza ma tgħaddix in gudikat għad hemm eżistenti il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u kwindi kwaunkwe rikavat li l-appellat għamel mill-impjieg tiegħu għandu jmur fil-borza tal-komunjoni.

.....omissis.....

the appellant is not to blame at all for the breakdown of the marriage but rather she was the victim who for a long period of years was subject to mental and physical abuse before the children.

.....omissis.....

That furthermopre the appellants feels aggrieved, by the fact that the Court of First Instance took no consideration of the fact that the respondent stopped to give her the maintenance ordered by the same Court in July 2011 namely when he stopped working as a bus driver.

iii. Community of Acquests.

That in this regard the Court of First Instance abided with the conclusions made by the Legal Referee in her report with the exception of the loan which is still due which the Court of First Instance states is to be €1,048.22 and not €815.28.

i.Immovables.

That as regards the immovables consisting in the matrimonial home, in the garage and a parcel of land which is not developed the Court of First Instance ordered the sale of the same on the free market within one year and indefault they be sold by judicial sale.

That the appellant feels strongly agrieved by this decision and this as she proved to the Court of First Instance, even in the note of submissions presented by her, that there was no need for such drastic measures.

ii. Movables.

Vehicles, furniture, boat and machinery.

That as regards the movables, the Court of First Instance, ordered that the movables of the house be assigned to the appellant and regarding this there is no objection. There is no objection in regard to the reimbursement of the paraphernal credit of the amount of €19,983.69.

Income from the employment of the respondent.

The appellant does not agree with him there was not liquidated in her favour half of the amount that the respondent earned from his employment during all the years that the cause was pending. That till this cause had not been decided the community of acquests was still existent between them and thus the income that the respondent recieved from his employment should form part of the community of acquests.

.....omissis.....

Illi l-Ewwel Qorti totalment injorat dan l-introjtu u ma llikwidat xejn favur l-esponenti. Kwindi l-esponenti titlob li dan l-ammont jittieħed in konsiderazzjoni u jiġi likwidat sehemha mill-istess ammonti.

Kontijiet bankarji.

Illi l-esponenti tħossha wkoll aggravata mill-mod kif l-Ewwel Qorti, ordnatilha tirrifondi lill-appellat is-somma ta' €6,837.40 sehem l-istess appellat mill-iżbanki li għamlet minn kontijiet bankarji appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti…….omissis.....

Assenjazzjoni.

Illi għalhekk tenut kont ta' dak hawn fuq sottomess, l-esponenti tħossha aggravata mill-mod kif l-Ewwel Qorti, assenjat l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tissottometti li l-mod ġust kif kellhom jigu mqassma l-istess assi kien bil-mod segwenti u cjoe;

Illi l-esponenti tiġi assenjata:

1.Id-dar matrimonjali bl-għamara ta' ġo fiha; ..... omissis.....

Mentri l-appellat għandu jiġi assenjat is-segwenti:

1.Il-garage u l-art mhix żviluppata..... omissis.....

iv. Spejjeż tal-kawza.

Illi l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu għal terz mill-esponenti u żewġ terzi mill-appellat.

Illi l-esponenti tħossha aggravata b' din id-deċiżjoni stante li l-ebda tort ma jista' jiġi attribwit lilha għat-tifrik taż-żwieġ u kwindi l-ispejjeż kollha għandhom ikunu a karigu tal-appellat, inkluż l-ispejjeż tal-preżenti istanza.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda tinterponi dan l-umli appell għal quddiem din l-Onorabbli Qorti mis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Mary Grace Attard vs Mario Attard, data 1 ta' Frar 2013, u titlobha sabiex tirriformaha u tvarjaha kif mitlub f' dan ir-rikors tal-Appell,

Bl-ispejjeż, kollha kontra l-konvenut appellat.

Notifika: Mario Attard, Familja Attard, Triq l-Aħwa Zammit, Qormi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 17 ta' Lulju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

That the Court of First Instance, completely ignored this income and liquidated nothing in favour of the applicant. Thus the appellant prays that this amount be taken into consideration and liquidate her share from the same amounts.

Bank accounts.

That the appellant feels also aggrieved how the Court of First Instance, ordered her to refund to the respondent the sum of €6,837.40 being the share of the same respondent from the withdrawals she made from the bank accounts belonging to the community of acquests.....omissis.....

Assignment.

That thus keeping in view that above submitted, the appellant, feels aggrieved how the Court of First Instance assigned the assets forming part of the community of acquests and submits that said assets should have been justly partitioned in the following manner and namely;

That the appellant be assinged;

1.The matrimonial home with the furniture inside; .....omissis.....

Whilst the respondent should be assigned the following:

1.The garage and the undeveloped land..... omissis.....

iv. Expenses of the cause.

That the Court of First Instance decided that the expenses of the cause be paid as for one third by the appellant and two thirds by the respondent.

That the appellant felt agggrieved by this decision since no fault can be attributed to her for the breakdown of the marriage and thus all the expenses are to be borne by the respondent, including the expenses of the present instance.

Thus the appellant is filing this humble appeal before this Honourable Court from the judgement of the Civil Court (Family Section) in the names Mary Grace Attard vs Mario Attard, dated on the 1st 2013, and ask her to reform and vary it as demanded in this application of the Appeal.

With all costs, against the respondent defendant.

Notify: Mario Attard, Familja Attard, Triq l-Aħwa Zammit, Qormi.

Registry of the Superior Courts (Appeal) today 17th July 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1189

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fid-29 ta' Mejju 2013 fuq rikors ta' Lombard Bank Malta plc fl-atti tas-subbasta numru 40/2012 fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Cassar Weaving Ltd et ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 21 ta' Ottubru 2013 fl-10.00 a.m. u sakemm tigi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Vittoria, Għawdex, tal-fondi ħawn taħt deskritti:

1. Il-fond numri sitta (6) u sebgħa (7) Triq Għajn Tuta, Fontana, Għawdex, proprjetà tas-soċjetà intimata Town House Limited, stmat li jiswa €290,000.

2. Porzjoni diviża mil-lok ta' djar immarkati bin-numri mija wieħed u sebgħin (171) u mija tnejn u sebgħin (172), fi Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex, proprjetà tal-intimat Antħony Cassar, stmat li jiswa €21,000.

3. Il-fond numru mija tnejn u sittin (162), Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex, proprjetà tal-intimat Anthony Cassar, li jidher li kien post qadim u twaqqa', u li tikkonsisti f'porzjon art b'żewġ għerien fuq in-naħa tax-xellug, soġġett għall-ċens annwu u perpetwu ta' €163.05, stmat li jiswa €130,000.

4. Porzjoni diviża mill-lok ta' djar u ċioè dik il-parti diviża ta' dak li kien qabel magħruf bħala 'Ċirċolo Gozitano', bin-numri ħamsa (5) u sitta (6) fi Triq Sir Adrian Dingli, Vittoria, Għawdex. Il-post għandu entrata wiesgħa u kamra twila fuq in-naħa tal-lemin li għandha faċċata fuq it-triq b'apertura kbira. Il-bini għandu żewg kmamar prinċipali fuq wara b'kamrin żgħir u *shaft* ta' servizzi. Is-sular għoli u hemm spazju taħt it-taraġ tal-proprjetà ta' fuq. Hemm kantina taħt il-post b'aċċess minn toqba fl-art tal-kmamar tat-terran. Nofs din il-kantina tifforma parti minn din il-proprjetà. Din il-proprjetà għandha kejl ta' ċirċa 98 metri kwadri fil-livell tat-triq u hija stmata li tiswa €125,000.

5. Il-fond magħruf bl-isem 'The Wilderness', qabel magħruf bħala Havana Club, fi Triq ta' Pinu, magħrufa wkoll bhala Triq Għarb, illum imsemmija Triq Papa Gwanni Pawlu t-Tieni, Għarb, Għawdex, proprjetà tas-soċjetà intimata Angerton Enterprises Limited, li tkopri art ta' ċirka 872 metri kwadri, stmat li jiswa €2,050,000.

6. Ir-*restaurant* bla numru magħruf bl-isem 'Il-Mina Restaurant', qabel magħruf bl-isem ta' 'Auberge Chez Amand' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, qabel magħrufa bħala ta' Pinu Road, fl-Għarb, Għawdex, proprjetà tas-soċjetà intimata Angerton Enterprises Limited. Il-bini jrid manutenzjoni serja u huwa stmat li jiswa €600,000.

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (GOZO), SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on the 29th May 2013 on the application of Lombard Bank Malta plc in the records of judicial sale by auction number 40/2012 in the names of Lombard Bank Malta plc vs Cassar Weaving Ltd et Monday 21st October 2013 at 10.00 a.m. and until the highest bid is adjudicated, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

1. Tenement numbers six (6) and seven (7) at Għajn Tuta Street, Fontana, Gozo, property pertaining to Town House Ltd., valued at €290,000.

2. A divided portion of the tenement marked one hundred seventy one (171) and one hundred seventy two (172), in Triq tal-Għajn, Fontana, Gozo, pertaining to Anthony Cassar, valued at €21,000.

3. Tenement number one hundred sixty two (162), Fountain Street, Fontana, Gozo, pertaining to Anthony Cassar, which seems to have been an old building which was demolished, and which consists of a portion of land with two caves on the left hand side, subject to an annual and perpetual ground rent of €163.05, valued at €130,000.

4. A divided portion of a tenement, being that part which was previously known as 'Circolo Gozitano', numbered five (5) and six (6), in Triq Sir Adrian Dingli, Victoria, Gozo. The property has a wide entrance and a long room on the right hand side, with its façade, having a wide aperture, overlooks the street. The building has two main rooms at the back with a smaller room and a service shaft. The headroom is high and there is room underneath the staircase of the above property. There is a basement underneath the property, with access from a hole in the ground of the ground rooms. Half this basement forms part of this property. This property measures approximately 98 square meters at street level, and is valued at €125,000.

5. The tenement known as 'The Wilderness', previously known as 'Havana Club', in Triq Ta' Pinu, known also as Triq Għarb, at present known as Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Għarb, Gozo, pertaining to Angerton Enterprises Ltd., measuring approximately 872 square meters, valued at €2,050,000.

6. The restaurant without a number known as 'Il-Mina Restaurant', previously known as 'Auberge Chez Amand', in Triq Papa Gwanni Pawlu II, previously known as Ta' Pinu Road, in Għarb, Gozo, pertaining to Angerton Enterprises Ltd. The property is in need of extensive maintenance, and is valued at €600,000.

Rapport dettaljat dwar il-piżijiet gravanti xi whud minn dawn il-proprjetajiet huwa radatt mill-perit legali Dottor Joshua Grech fl-atti tas-subbasta.

L-imsemmija fondi ser jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Ronald Muscat Azzopardi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-23 ta' Mejju, 2013.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex),
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,
illum 2 ta' Lulju, 2013

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Ghawdex)

A detailed report regarding the liabilities burdening some of these properties is drawn up by the legal referee Dr Joshua Grech in the records of the judicial sale proceedings.

The said tenements will be sold as described in the report sworn to by AIC Ronald Muscat Azzopardi on the 23rd May 2013.

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo),
Superior Jurisdiction, General Section,
this 2nd July 2013.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts and Tribunals

1190

B'digriet mogħti, fit-2 ta' Lulju 2013, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Emanuel Coleiro vs Carmen Coleiro, rikors numru 211/07 JA, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emanuel Coleiro, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, Rikors numru 211/07 JA, fl-ismijiet Emanuel Coleiro vs Carmen Coleiro u l-istess Carmen Coleiro b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2007, ġiet nominata bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri …omissis…, fl-14 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti Carmen Coleiro, esponiet bil-qima;

Illi bir-rikors maħluf tiegħu l-attur appellat wara li ppremetta li l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ma kenitx aktar posibili minħabba raġunijiet imputabbli lil martu l-esponenti appellanti, talab lil Qorti;

1.tippronunzja l-firda personali bejn l-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lil konvenuta;
2. tafdalu l-kura l-kustodja tal-minuri …omissis…;

3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas retta alimentari għall-minuri …omissis…;
4.tapplika kontra l-konvenuta d-dispost tal-art. 48, 51 u 52 tal-Kap 16;
5.tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwidaha .
6. tassenjalu d-dar taż-żwieġ numru 17, Albatross, Triq de Warsbergh, il-Gudja.
7. fin-nuqas tordna li dan il-fond jinbiegħ taħt l-Awtorita tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti.

Illi l-esponenti dehrilha fit-tweġiba tagħha li kien hemm lok għall-firda bejn il-kontendenti iżda minħabba tortijiet

By means of a decree given, on the 2nd July 2013,by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Emanuel Coleiro vs Carmen Coleiro, application number 211/07 JA, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Emanuel Coleiro, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Appeal Application, filed, in the Court of Appeal, Application number 211/07 JA, in the names Emanuel Coleiro vs Carmen Coleiro and the same Carmen Coleiro by decree of the 17th October 2007, was appointed curator ad litem, of her minor son …omissis…, on the 14th March 2013, the applicant Carmen Coleiro, respectfully pleaded;

That by means of a sworn application the respondent plaintiff, after having premised that konjugal life between the parties was no longer possible due to the faults imputable to his wife, the applicant appellant, asked this Court;

1. to pronounce the personal separation between the parties due to the faults imputable to the defendant;
2. entrust to him the care and custody of the minor … omissis…;
3.condemn the defendant to pay the adequate maintenance for the minor …omissis…;
4. apply against the defendant the provisions of art.48, 51 and 52 of Chapter 16.
5. declare dissolved the community of acquests between the parties and liquidate it.
6. Assign to him the matrimonial home number 17, Albatross, Triq de Warsbergh, Gudja.
7. In default order that this premises be sold under the Authority of the Court and the proceeds be shared between the parties.

That the appellant was of the opinion in her reply that there was room for personal separation between the parties

imputabbli lill-attur tant li għaddiet biex tressaq kontro-talba.

Illi fil-kontro-talba l-esponenti wara li ppremettiet li l-ħajja in komun bejniethom ma kenitx aktar possibili minħabba adulterju, moħqrija, theddid u offiżi gravi attriwibbli lir-raġel talbet lill-Qorti;

1.tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet ta' żewġha.

2. tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri …omissis….

3.tiffisalha retta alimentari għal …omissis….

4.tikkundanna lill-attur iħallas din ir-retta.

5. tikkomina kontra l-attur l-penalitajiet disposti fl'art 48 u 51 tal-Kap 16.

6.tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti.

7.tawtorizza lil-esponenti sabiex ma' uliedha u ad esklużjoni ta' żewgħa tgħix fid-dar taż-żwieġ.

Illi l-attur opona l-talbiet tal-konvenuta għar-raġunijiet minnu msemmija fir-rikors promotur;

Illi b'sentenza tat-22 ta' Frar 2013, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qatgħet il-kawża billi ordnat 'il-firda personali minħabba tortijiet taż-żewġ kontendenti, ordnat xolta l-komunjoni tal-akkwisti, ordnat il-bejgħ tad-dar taż-żwieġ, Numru 17, Albatross Triq de Warsbergh, il-Gudja, u wara li l-konvenuta tippreleva s-somma ta' €3,954 u jitħallas id-dejn fuqha r-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali, assenjat il-mutur Honda u l-vettura Toyota lill-attur, b'dan li jħallas ekwiparazzjoni ta' €5,500 minbarra l-qasma tal-flus kollha depożitati f'banek.

Illi l-esponenti tħossha aggravata b' din is-sentenza u qed tressaq appell minnha;

Illi l-fatt fil-qosor kienu dawn;

Iż-żewġ naħat għamlu allegazzjonijiet dwar xulxin dwar nuqqasijiet tad-dmirijiet tagħhom taż-żwieġ.L-Ewwel Qorti dehrilha li t-tnejn li huma jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċat ikkominat kontra ż-żewġ naħat il-penalitajiet imsemmija fil-liġi.

Il-Qorti, għaddiet ukoll biex iddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti, ordnat il-bejgħ tal-fond taż-żwieġ barra li żewġha jrid jħallas l-ammonti msemmija aktar qabel.

Illi l-aġġravju huwa ċar u manifest billi fil-fehma umli tal-esponent l-Ewwel Qorti;

due to the faults imputable to the plaintiff so much so that she brought forward a counter-claim.

That in the counter-claim the applicant after having premised that life in common between them was no longer possible due to adultery, cruelty, threats and grievous insults attributable to the husband asked the Court;

1.to pronounce the personal separation between the parties due to the faults of her husband.

2. to entrust the care and custody of the minor … omissis….

3. to fix the adequate maintenance for …omissis….

4. to condemn the plaintiff to pay this maintenance.

5. to apply against the plaintiff the penalties provided in art 48 to 51 of Chapter 16.

6. liquidate the community of acquests.

7. authorise the applicant so that with her children and to the exclusion of her husband she lives in the matrimonial home.

That the plaintiff opposed the demands of the defendant for the reasons mentioned in the original application.

That by means of a judgement of the 22nd February 2013, the Civil Court (Family Section) decided the cause by ordering 'the personal separation due to the faults of both parties, ordered the dissolution of the community of acquests, ordered the sale of the matrimonial home, number 17, Albatross, Triq de Warsbergh, Gudja, and after the defendant withdraws the sum of €3,954 and the debt is paid and the proceeds are shared in equal shares, assigned the motor cycle Honda and vehicle Toyota to the plaintiff who is to pay a set-off of €5,500 besides the partition of all the funds deposited in the banks.

That the appellant felt aggrieved by this judgement and is bringing an appeal therefrom;

That the facts in short were the following;

Both sides made allegations regarding each other regarding their defaults in their matrimonial duties. The Court of First Instance was of the opinion that both are guilty for the breakdown of their marriage and ended up by applying against both parties the penalties mentioned in the law.

The Court also passed to declare dissolved the community of acquests, ordered the sale of the matrimonial home, besides her husband having to pay the amounts mentioned before.

That the grievance is clear and manifest as in the humble opinion of the applicant, the Court of First Instance;

1.kellha tordna rimedju ieħor dwar id-dar taż-żwieġ.

2. ma ħaditx in konsiderazzjoni flus oħra dovuti lill-appellanti.

1. Dar taż-Żwieġ.

Dwar id-dar taż-żwieġ għandu jingħad li l-attur ilu li ħareġ minnha sa mill-2004 u fiha illum tgħix il-mara u t-tfal. L-esponenti jidhrilha li d-dar hi kbira biżżejjed li tista' tinqasam komodament b' mod li kull parti jkollha nofs kull wieħed bi dħul separat.

Dan l-arrangament ikun ta' benefiċċju mhux biss għaż-żewġ naħat izda aktar u aktar għal uliedhom altrimenti ser jiġu żradikati intortament mill-ambjent tagħhom.

Subordinatament jekk din il-Qorti, jidrilha bħall-Ewwel Qorti, li l-fond għandu jinbiegħ allura l-esponenti tissottometti li bir-rispett għandu jingħata żmien ragonevoli bħala sentejn, biex barra li possibilment jinqata' d-dejn jaraw iseħħilhomx ibiegħuh huma stess minflok bejgħ in liċitazzjoni.

2. Flus oħra dovuti lill-Appellanti.

L-Ewwel Qorti in vista tal-fatt li l-attur appellat, telaq mid-dar fl-2004 u l-esponenti waħedha baqgħet u għadha tħallas lura s-self tal-Bank, ordnat li l-appellanti għandha titħallas €3,360 minbarra €410 cens u €186 assikurazzjoni b'kollox €3,956.

Qabel xejn l-esponenti jidhrilha li għandhu jkun hemm riserva ċara li l-esponenti titħallas ta' kull ma hi tkun eventwalment ħallset lura, sal-mument tal-bejgħ.

Barra hekk, bl-istess mod li l-Qorti, ordnat li l-esponenti titħallas dak li ħarġet minn butha mindu żewgħa telaq mid-dar, hi għandha titħallas ukoll dak li ħallset meta kienet għadha xebba, ie, minn Lulju 1983 sakemm iżżewġu fis-6 ta' Settembru 1986.

Bl-istess mod a fol. 542 hemm dikjarazzjoni ta' omm l-esponenti li kienet għaddietielha €6,988.12 biex tagħmel xogħol fid-dar.

Minbarra hekk hemm l-arretrati tal-kontijiet tal-Maltacom risalenti għall 2004.

Għaldaqshekk l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti, tvarja s-sentenza appellata tat-22 ta' Frar 2013 billi;

1.għal dak li jirrigwarda l-azzjoni tal-attur fil-Kap 5.

a) minflok il-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond taż-żwieġ tordna li dan jinqasam b'mod li kull parti jkollha nofs kull wieħed bi dħul għalih.

1.had to order another remedy regarding the matrimonial home.

2. did not take into consideration other funds due to the appellant.

1. Matrimonial Home.

Regarding the matrimonial home it is to be stated that the plaintiff had left it since 2004 and today the wife and children live there. The appellant is of the opinion the house is big enough that it can be easily divided in such a manner that each party has one half with a separate entrance.

This arrangement shall be of benefit not only for both parties but more so for their children otherwise they shall be uprooted without any fault from their environment.

Subordinately if this Court is of the opinion like the Court of First Instance, that the premises is to be sold then the appellant submits with respect that a reasonable time of two years is to be given, so that if possible besides the repayment of the debt, they will see whether they will manage to sell it themselves, rather then by judicial sale.

2.Other funds due to the Appellants.

The Court of First Instance in view of the fact that the respondent plaintiff left the house in 2004 and the appellant alone continued to pay and still pays the Bank loan ordered that the appellants is to be paid €3,360 besides €410 and €186 insurance in all, €3,956.

In the first place the appellant is of the opinion that there should be a clear reservation that the appellant be paid of all that she eventually paid back till the moment of sale.

Besides that, in the same manner the Court ordered that the appellant be paid all that she paid out of her pocket since her husband left the home, she is to be paid what she paid when she was still unmarried, ie from July 1983 till they were married on the 6th September 1986.

In the same manner a fol. 542 there is a declaration of the mother of the appellant that she had passed on to her €6,988.12 to carry out works in the house.

Apart from this there are the arrears of the bills of Maltacom which go back to 2004.

Thus the appellant prays that this Honourable Court vary the judgement appealed of the 22nd February 2013 by;

1.as regards the action of the plaintiff in Cap. 5

a) instead of the sale by licitation of the matrimonial home order that this be partitioned in such a manner that each party shall have one half each with separate entrance.

b) subordinatament jekk ma jkunux possibili, isir il-bejgħ in liċitazzjoni iżda biss wara żmien ragonevoli bħal sentejn mid-data tas-sentenza.

c) minbarra s-somma ta' €3,956 tordna li tkun prelevata ukoll is-somma ta' €6,988.12, kif ukoll oħra ta'€186.70, oltre riserva ċara għall-nofs kull ħlas li tagħmel minn dakinhar tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-esponenti u dan dwar il-ħlas lura tas-self, taċ-ċnus u tal-assikurazzjoni ta' €5,500.

ii. għal dak li jirrigwarda l-kontro-talba tħassar il-Kap. 7 u minflok tordna li sakemm jinbiegħ il-fond taż-żwieġ, l-appellanti biss-flimkien ma' uliedha tibqa' tgħix fil-fond de quo.

iii. mill-bqija twettaq is-sentenza.

Appellanti: 17, Albatross, Triq de Warsbergh, il-Gudja.

Appellat: 3, Triq Alexandra, Hubbard Flats, Blokk 9, Bormla.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 19 ta' Lulju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

b) subordinately if is not possible, the sale by licitation is held only after a reasonable time, like two years from the date of the judgement;

c)besides from the sum of €3,956 order that there be withdrawn also the sum of €6,988.12, as well as another of €186.70 besides a clear reservation of one half of every payment she makes from the date of the judgement of the Court of First Instance and regarding the payment back of the loan, of the groundrents and the insurance of €5,500.

ii. as regars the counter-claim cancel Cap. 7 and instead order that till the matrimonial home is sold the appellant only together with her children shall live in the premises de quo.

iii. as for the rest the judgement should be enforced.

Appellant: 17, Albatross, Triq de Warsbergh, Gudja.

Respondent: 3, Triq Alexandra, Hubbard Flats, Blokk 9, Bormla.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 19th July 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1191

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Lulju, 2013, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Edwina Grima LL.D), Kumpilazzjoni Numru 670/2013 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Grech)
(Spettur Johann J Fenech)

Kontra

OLA ROTIMI AKINS, 25 sena, attur u waiter *part time*, bin Sony Adeboye u Easther Adeboye, imwieled in-Niġerja f'Kano, fit- 22 ta' Lulju, 1987, residenti f'Orestes, 9, 3B, Humanes, Madrid, Spanja u detentur ta' passaport Niġerjan bin- numru A01524679;

U

EDWARD CARDONA, 30 sena, diżokkupat, bin Patrick u Mary née Lomax, imwieled il-Pietà fil-11 ta' Awwissu, 1982, residenti f'Numru 37, Ledmar Court, Flat 4, Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Baħar (K.I. 461382M);

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 18 of July 2013 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Edwina Grima LL.D.) Compilation number 670/2013 in the case:

The Police
(Inspector Pierre Grech)
(Inspector Johann J Fenech)

Versus:

OLA ROTIMI AKINS, 25 years, part time actor and waiter, son of Sony Adeboye and Easther Adeboye, born in Kano in Nigeria, on the 22nd of July, 1987, and residing at Orestes, 9, 3B, Humanes, Madrid, Spain and holder of a Nigerian passport bearing number A01524679;

AND

EDWARD CARDONA, 30 years, unemployed, son of Patrick and Mary née Lomax, born in Pietà on the 11th of August, 1982, and residing at Number 37, Ledmar Court, Flat 4, Andrew Cunningham Street, Saint Paul's Bay (I.D. 461382M);

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or

lil jew imissu lil Ola Rotimi Akins u Edward Cardona jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbiethom milli jittrasferixxu jew xort' oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li l-imputati jistgħu jibqgħu jirċievu s-salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali u dan fl-ammont li ma jeċċedix it-tnax-il elf, disa' mija u sebgħa u sittin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€12,967.24) fis-sena.

Illum, 19 ta' Lulju, 2013.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR YVETTE BORG LLD
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali

pertaining or belonging to Ola Rotimi Akins and Edward Cardona and prohibits the said accused from transferring or otherwise disposing of any moveable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta, and of Section 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

The Court ordered that the said accused may continue to receive any salary, wages, pension or other social security benefits in the amount which will not exceed twelve thousand, nine hundred and sixty seven euro and twenty four cents (€12, 967.24) per year.

Today, 19th July 2013
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR YVETTE BORG LLD
f/ Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals

1192

B'digriet tat-18 ta' Lulju, 2013, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Dorothy Grech fil-11 ta' Lulju, 2013, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €114,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 24/13 fl-ismijiet Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux K.I. 186876(M) u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2009, l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nħatru kuraturi deputati biex jidhru għal Deborah Fenech De Fremaux li ħalliet Malta, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2013.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum id-19 ta' Lulju, 2013.

DIANE MIFSUD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 18th July, 2013, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Dorothy Grech on the 11th July, 2013, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €114,000 following judicial sale by auction 24/13 in the names Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux I.D. 186876(M) and by a decree of the 23rd March 2009, Doctor Patrick Valentino and the Legal Procurator Victor Bugeja were nominated as deputy curators to represent Deborah Fenech De Fremaux who is absent from Malta, held under the Authority of the said Court on the 4th July, 2013.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 19th July, 2013.

DIANE MIFSUD
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

1193

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tal-1 ta' Lulju 2013, Rikors Numru 673/2013, minn Emanuela Abela, Pauline Guillaumier, Joseph, Carmelo, Helen Mamo u Anthony ilkoll aħwa Farrugia, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-tagħhom fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' oħthom Maria Dolores Farrugia, xebba, bint il-mejtin Gerald Farrugia u Helen née Camilleri, imwielda Birkirkara fejn kienet toqgħod u mietet bejn il-25 u s-26 ta' Marzu, 2013, ta' 67 sena (K.I. 0360545M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożiżżjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 19 ta' Lulju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st July 2013, Application number 673/2013 by Emanuela Abela, Pauline Guillaumier, Joseph, Carmelo, Helen Mamo and Anthony all brothers and sisters Farrugia whereby they prayed that it be declared open in favour their favour in the quota of one sixth (1/6) undivided share each one of them the SUCCESSION of their sister Maria Dolores Farrugia, unmarried, daughter of the late Gerald Farrugia and Helen née Camilleri, born in Birkirkara, where she lived and died between the 25th and 26th March, 2013, aged 67, (I.D. 0360545M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 19th July 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1194

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tal-4 ta' Lulju 2013, Rikors Numru 689/2013, minn Emanuela Farrugia u oħrajn, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Emanuela Farrugia, mart id-decujus, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviz; u favur Raymond, Joseph, Lorenza Cassar, Philip, Mariella Azzopardi u Robert ilkoll aħwa Farrugia ulied id-decujus u dan fi kwota ta' dodiċesima parti (1/12) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Vincenzo Farrugia, żewġ l-istess Emanuela Farrugia, iben il-mejtin Giuseppe u Lorenza xebba Abela, imwieled u kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ, Malta u miet San Vincenz de Paule, Luqa fl-14 ta' Lulju 2012 ta' 79 sena (K.I. 0652532M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożiżżjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 19 ta' Lulju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th July 2013, Application number 689/2013 by Emanuela Farrugia and others whereby they prayed that it be declared open in favour of the same Emanuela Farrugia, wife of the decujus, an this in the quota of one half (1/2) undivided share; and in favour of Raymond, Joseph, Lorenza Cassar, Philip, Mariella Azzopardi and Robert all brothers and sisters Farrugia, children of the decujus and this in the quota of one twelfth (1/12) undivided share each one of them the SUCCESSION of Vincenzo Farrugia, husband of the same Emanuela Farrugia, son of the late Giuseppe and Lorenza nee Abela, born and resided in Ħaż-Żebbuġ, Malta and died in Saint Vincent de Paule, Luqa on the 14th July 2012 aged 79, (I.D. 0652532M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 19th July 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1195

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tas-6 ta' Gunju 2013, Rikors Numru 579/2013, minn Mary Bartolo pro et nomine et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Mary Bartolo, mart id-decujus u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur Anthony, Spiridione sive Dione, John, Carmen Gillard, Susan Muscat, Maria Dionisia sive Denise Vella, Mary Edel Borg, Roberta Bartolo, Julie Anne Vella, ilkoll aħwa Bartolo, ulied id-decujus u dan fi kwota ta' parti waħda minn tmintax-il parti (1/18) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Giovanni Maria Bartolo, żewġ l-istess Mary Bartolo, iben il-mejtin Antonio u Carmela nee Sammut, imwieled San Pawl il-Baħar, kien joqgħod il-Mellieħa u miet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fl-14 ta' April 2013 ta' 80 sena (K.I. 0029433M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 19 ta' Lulju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 6th June 2013, Application number 579/2013 by Mary Bartolo pro et nomine et whereby they prayed that it be declared open in favour of the same Mary Bartolo, wife of the decujus, an this in the quota of one half (1/2) undivided share; and in favour of Anthony, Spiridione sive Dione, John, Carmen Gillard, Susan Muscat, Maria Dionisia sive Denise Vella, Mary Edel Borg, Roberta Bartolo and Julie Anne Vella all brothers and sisters Bartolo, children of the decujus and this in the quota of one eighteenth (1/18) undivided share each one of them the SUCCESSION of Giovanni Maria Bartolo, husband of the same Mary Bartolo, son of the late Antonio and Carmela née Sammut, born in Saint Paul's Bay and resided in Mellieħa and died in tal-Qroqq limits of Imsida on the 14th April 2013 aged 80, (I.D. 0029433M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 19th July 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1196

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-20 ta' Marzu, 2013, Rikors Numru 277/2012, mill-Avukat Dottor Ivan Sammut bħala prokuratur tal-assenti Conceicao Dos Santos Woodward fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Conceicao Dos Santos Woodward fl-intier kollu tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' Hamish Winston McDonald Woodward, imwieled Windsor England u miet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fid-9 ta' Lulju, 2012, ta' 71 sena (K.I. 0054650A) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 19 ta' Lulju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th March 2013, Application number 277/2012 by Doctor of Laws Dr Ivan Sammut as procurator of the absent Conceicao Dos Santos Woodward, whereby she prayed that it be declared open in her favour in its enterity the SUCCESSION of Hamish Winson McDonald Woodward, born in Windsor, England and died in tal-Qroqq limits of Imsida on the 9th July, 2012, aged 71 (I.D. 0054650A) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 19th July 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1197

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tat-8 ta' Lulju, 2013, Rikors Numru 698/2013, minn Lynn Pace pro et nomine et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Lynn Pace, mart id-decujus, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Beverly, Kirsten u Stuart aħwa Pace ulied id-deċujus u dan fi kwoti ndaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' Dottor Raymond Pace, iben il-mejtin Victor u Josephine née Galea, imwieled Pietà kien residenti Ħ'Attard fejn miet fil-5 ta' Mejju, 2013, ta' 54 sena (K.I. 0519258M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 19 ta' Lulju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 8th July, 2013, Application number 698/2013 by Lynn Pace pro et nomine et whereby they prayed that it be declared open in favour of the same Lynn Pace, wife of the decujus, an this in the quota of one half (1/2) undivided share; and the remaining one half (1/2) in favour of Beverly, Kirsten and Stuart brother and sisters Pace, children of the decujus in equal shares between them the SUCCESSION of Dr Raymond Pace, son of the late Victor and Josephine née Galea, born in Pietà and resided in Ħ'Attard where he died on the 5th May, 2013, aged 54, (I.D. 0519258M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 19th July 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1198

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-4 ta' Lulju, 2013, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' Alfred Buhagiar (K.I. 726849M) ippreżentat fit-22 ta' Frar, 2013, fejn espona bir-rispett:

Illi permezz ta' digriet 419/2012 – Dok AB 1 – ta' din l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Lulju, 2012, ir-rikorrenti flimkien ma' oħtu Maria Dolores magħrufa bħala Doris Axisa, (KI. 698350M), ġew nominati bħala eżekuturi testamentarji ta' ommhom Giorgia Buhagiar (K.I. 0265127M);

Illi dan l-aħħar Maria Dolores magħrufa bħala Doris Axisa mihiex qiegħda tikkopera mar-rikorrent ħuha sabiex jesegwixxu, jonoraw u jwettqu r-rieda ta' Giorgia Buhagiar, jiġifieri sabiex ssir il-likwidazzjoni, żbank u rilaxx tal-investimenti reġistrati f'isem il-mejta u tal-fondi depożitati fil-kontijiet bankarji, sabiex jitħallsu l-legati u jiġu immessi fil-pussess l-legatarji u sabiex jiġu llikwidati l-assi tal-mejta.

By a decree of the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, of the 4th July, 2013, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application filed by Alfred Buhagiar (I.D. 726849M) on the 22 February, 2013, he respectfully pleaded that:

That by means of a decree 419/2012 – Doc AB1 – of this Honourable Court dated 19th July, 2012, the applicant together with his sister Maria Dolores known as Doris Axisa (I.D. 698350M), were nominated as testamentary executors of their mother Giorgia Buhagiar (I.D. 0265127M).

Lately Maria Dolores known as Doris Axisa is not cooperating with her brother the applicant to execute, honour and carry out the wishes of Giorgia Buhagiar and namely to liquidate, withdraw and release the investments registered in the name of the deceased and the funds deposited in the bank accounts, so that the legacies will be paid, the legatees are placed in possession and the assets of the deceased are liquidated.

Illi dan qed ikun ta' xkiel għar-rikorrent, li għalkemm ipprova bir-rieda t-tajba jaħdem u jikkopera ma' oħtu, din qed twaqqfu milli jwettaq l-esekuturija.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinnomina medjatur li jkun jista' jgħin iż-żewġ esekuturi fl-amministrazzjoni tagħhom u tagħti dawk il-proveddimenti kollha opportuni sabiex jitwettaq dan.

Notifika:

Maria Dolores Axisa – Pisani , Flat 2, Triq Hookham Freres, Pieta.

Mittenti – Alfred Buhagiar – Blue Sea, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Onor Imħallef Dottor Anthony Ellul LLD

Rikors No 215/2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fit-22 ta' Frar, 2013.

Tordna notifika tar-rikors u digriet lil Maria Dolores Axisa bi dritt ta' tweġiba fi żmien sebat ijiem.
Illum 28 ta' Frar 2013

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 19 ta' Lulju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That this is creating obstacles to the applicant, who notwithstanding the fact that he has, with good will, tried to co-operate with his sister, she is restraining him from executing the testamentary dispositions.

Thus the applicant prays this Honorable Court to nominate a mediator who can assist both the testamentary executors in their administration and gives all those orders that it deems opportune for this to be executed.

Service:

Maria Dolores Axisa – Pisani Flat 2, Triq Hookham Freres, Pieta.

Applicant: Blue Sea, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk.

Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section

Honourable Mr Justice Dottor Anthony Ellul LLD

Application Number 215/13

The Court,

After having seen the application filed on the 22nd February, 2013.

Orders the notification of the application to Maria Dolores Axisa who has the right for a reply within seven days;
Today 28th February 2013

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 19th July 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1199

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tal-14 ta' Ġunju, 2013, Rikors Numru 601/2013, minn John sive Johnny Massa u Francis Xavier Massa, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmela Vella, Emanuel Massa, Daniel Massa, Alfred Massa, Frans Massa u John Massa u dan fi kwota ta' nona parti (1/9) indiviza; favur ulied il-mejta Theresa Vella u cioe Joe Vella, Lisa Vella u Mona Micallef u dan fi kwota ta' nona parti (1/9) indiviza bejniethom; favur ulied il-mejta Antonia Micallef u cioe favur Theresa Friggieri, Joe Micallef, Maria Delicata, Jane Marshall, Mario Micallef u Domenic Micallef u dan fi kwota ta' nona parti (1/9) indiviza bejniethom; favur ulied Salvinu Massa

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th June 2013, Application number 601/2013 by John sive Johnny Massa and Francis Xavier Massa whereby they prayed that it be declared open in favour of Carmela Vella, Emanuel Massa, Daniel Massa, Alfred Massa, Frans Massa and John Massa and this in the quota of one ninth (1/9) undivided share; in favour of the children of the late Theresa Vella and that is Joe Vella, Lisa Vella and Mona Micallef and this in the quota of one ninth (1/9) undivided share between them; in favour of the children of the late Antonia Micallef that is in favour of Theresa Friggieri, Joe Micallef, Maria Delicata, Jane Marshall, Mario Micallef and Domenic Micallef and this in the quota of one ninth (1/9) undivided share

u cioe favur Patrick, Raymond, David u Paul ilkoll aħwa Massa u Louisanne Farrugia u dan fi kwota ta' nona parti (1/9) indiviza bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' Carmelo Massa, guvni, iben il-mejtin Giuseppe u Francesca née Xerri, imwieled Zabbar, kien residenti Marsaskala u miet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fid-19 ta' April, 2013, ta' 84 sena (K.I. 595528M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 19 ta' Lulju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

between them; in favour of the children of Salvinu Massa and that is Patrick, Raymond, David and Paul brothers Massa and Louisanne Farrugia and this in the quota of one ninth (1/9) undivided share between them the SUCCESSION of Carmelo Massa, bachelor, son of the late Giuseppe and Francesca née Xerri, born in Żabbar, resided in Marsaskala and died in thal-Qroqq limits of Imsida on the 19th April, 2013, aged 84 (I.D. 595528M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 19th July 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1200

Permezz ta' digriet mogħti fil-14 ta' Gunju 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 26/12, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Christopher Gatt, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Christopher Gatt (KI 568774M) ta' Bramble Cottage, Daħlet il-Ġibjun, Naxxar, fil-4 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' 46, Triq il-Merkanti, Valletta, jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €237.50 dovuta bħala taxxa addizzjonali jew imgħax skond l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas hawn mehmuż u mmarkat Dok C.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba li saritlek (ara l-istess Dok C fuq citat) il-mittenti javzak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-ezekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 60A ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ħallas ukoll l-ispejjeż ta' dan l-att.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' Lulju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 14th June 2013, in the records of the judicial letter number 26/12 in the names Commissioner of Inland Revenue vs Christopher Gatt, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Christopher Gatt (ID 568774M) of Bramble Cottage, Daħlet il-Ġibjun Naxxar, on the 4th January 2012, the Commisssioner of Inland Revenue of 46, Merchants Street, Valletta, calls upon you so that within two days you pay the sum of €237.50 due by you as additional tax and interest according to the Notice of a Claim for Payment here attached and marked Doc C.

As you failed to pay the amount due by you although claim for payment was made (see the same Doc C above mentioned) the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due in the time given, the interpellant shall proceed for the execution of the title obtained in terms of Article 60A of the Act of Tax on Documents and Transfers (Chapter 364 of the Laws of Malta).

Pay also the costs of this act.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th July 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*